# QORTI CIVILI PRIM`AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 31 ta` Ottubru 2016**

**Kawza Nru. 13**
**Rik. Gur. Nru. 892/15 JZM**

**Integrated-Capabilites (Malta) Ltd (C-50348) u Digital Technology LLC, socjeta` inkorporata taht il-ligijiet ta` St.Kitts and Nevis, bl-indirizz registrat gewwa Main Street, P.O. Box 556, Charlestown, Nevis, hawn rapprezentata mill-mandatarja specjali taghha, Catherine Baxter (id. no. 115388A)**

***kontra***

**(1) Crowd Shout Holdings Ltd (C-56979);**
**(2) GCM Holdings Ltd (C-56968);**
**(3) Herne Holdings Ltd (C-56970); u**
**(4) Ir-Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-24 ta` Settembru 2015 li jaqra hekk :–

*1. ILLI s-socjeta` rikorrenti Integrated-Capabilities (Malta) Ltd hija azzjonista tas-socjeta` intimata Crowd Shout Holdings Ltd (C56979 ) (“**il-Kumpannija**”) b`6,000 sehem minn total ta` 20,0000 sehem fil-kapital azzjonarju tal-istess Kumpannija, ossija azzjonista ta` 30% tal-kapital azzjonarju u effettivament is-socjeta` esponenti hija nominee company ghas-socjeta` rikorrenti l-ohra Digital Technology LLC, liema socjeta` hija registrata skont il-ligijiet ta` St. Kitts and Nevis;*

*2. ILLI l-intimati GCM Holdings Ltd u Herne Holdings Ltd huma wkoll azzjonisti registrati tas-socjeta` intimata Crowd Shout Holdings Ltd b`kull wahda minnhom izzomm 6,500 sehem minn total ta` 20,0000 sehem fil-kapital azzjonarju tal-istess Kumpannija, u 7,500 sehem minn total ta` 20,0000 sehem fil-kapital azzjonarju tal-istess Kumpannija, rispettivament. **Dokument A** anness hija kopja ta` pagna mis-sit elettroniku tar-Registru tal-Kumpanniji li turi, fost ohrajn, kif inhuma mqassmin l-ishma fil-Kumpannija;*

*3. ILLI fit-tmienja (8) ta` Awwissu 2012 is-socjeta` Digital Technology LLC u l-intimati Crowd Shout Holdings Ltd, GCM Holdings Ltd u Herne Holdings Ltd iffirmaw Shareholders Agreement, liema Shareholders Agreement jistipula li ghandu jigi nterpretat skont il-Ligi ta` Malta (ara **Dokument B**.) Ghall-korrettezza u carezza jinghad illi l-Memorandum and Articles of Association tal-Kumpannija (**Dokument C**) jaghmlu referenza erronja ghal Shareholders Agreement tal-10 ta` Awissu 2012, meta d-data kellha tkun it-8 ta` Awissu 2012;*

*4. ILLI fl-10 ta` Novembru 2014, jew wara, (ghalkemm jinghad illi l-ftehim sar fit-18 ta` Novembru 2014, id-data riportata fuq il-ftehim hija l-10 ta` Novembru 2014) Herne Holdings Ltd u GCM Holdings Ltd iffirmaw Stock Transfer Agreement (**vide Dokument D**), fejn l-istess Herne Holdings Ltd u GCM Holdings Ltd qablu li l-ishma kollha ta` Herne Holdings Ltd fil-Kumpannija jigu trasferiti lil GCM Holdings Ltd u dan minghajr ma Digital Technology LLC inghatat pre-avviz specifiku bil-miktub tat-trasferiment*

*progettat u minghajr ma Digital Technology LLC tat il-kunsens taghha b`mod specifiku u bil-miktub ghat-trasferiment imsemmi, kif rikjest mix-Shareholders Agreement;*

*5. ILLI hija l-umli fehma tar-rikorrenti illi l-iStock Transfer Agreement imsemmi huwa null u bla effett u dan ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati hawn isfel u waqt is-smigh tal-kawza odjerna;*

*6. ILLI klawsola 2 tax- Shareholders Agreement (**Dok. B anness**) jipprovdi b`mod car li:*

*"No Shareholder or Involuntary Transferee who desires or plans to transfer its Shares ("Transferring Shareholder") shall dispose of or transfer any of the Company`s Shares, **whether to another Shareholder** or to another person or entity, without the **prior written consent of all the shareholders then Holding Shares**, unless all such Shares are first offered for sale to **all** of the other Shareholders then Holding Shares in the manner provided for below (an "Offer"). Any purported transfer or disposition of shares in violation of the terms of this Agreement **shall be void and the Company shall not recognize or give effect to such transaction**." (enfasi mizjuda);*

*7. ILLI fil-klawsoli sussegwenti tal-istess Shareholders Agreement, b`mod partikolari klawsoli 3, 4, 5, 6, 7, 9, 10, 12 u 13, il-partijiet ftiehmu b`mod dettaljat u li ma jhallix lok ghal interpretazzjoni dwar kif ghandu jsehh trasferiment tal-ishma fil-Kumpannija, dejjem bil-ghan principali li jigi kawtelat id-dritt ta` prelazzjoni (pre-emption rights) tal-azzjonisti kollha, dritt li b`mod lampanti qed jigi miksur fir-rigward tas-socjeta` Digital Technology LLC u Integrated-Capabilities (Malta) Ltd fil-kapacita` taghha ta` nominee;*

*8. ILLI, minghajr pregudizzju ghal dak imsemmi fi klawsola 2 kif hawn fuq citat, l-istess Shareholders Agreement jipprovdi mekkanizmu ta` nfurzar, permezz tad-dritt ta` azzjonist li jitlob l-ezekuzzjoni (performance) tal-obbligi kuntrattwali fl-istess ftehim, fosthom "in the case of a Transferring Shareholder, **failure to disclose to the Shareholders then holding Shares the name of anyone to whom and the price and terms on which he proposes to transfer or dispose of the Shares**" u "in the case of a Transferring Shareholder, offering said Shares at a price less than that under Section 5 or on terms more favourable to a purchaser than those stated in Section 6, or both." Dan jirrizulta minn klawsola 16 tax-Shareholders Agreement intitolata "SPECIFIC PERFORMANCE";*

*9. Illi in vista ta` dak suespost, jirrizulta b`mod l-aktar car u lampanti, li t-trasferiment tal-ishma tal-azzjonisti tas-socjeta` Crowd Shout Holdings Ltd fl-istess kumpannija jista` jsir biss fuq bazi ta` prelazzjoni, u bil-kunsens tal-partijiet* ***kollha*** *ghall-imsemmi Shareholders Agreement u li ghalhekk l-istess Shareholders Agreement jipprovdi mekkanizmu car kif tali ishma ghandhom jigu trasferiti;*

*10. ILLI jidher car li l-azzjonisti xtaqu jirregolaw it-trasferiment tal-ishma u nfatti l-istess Memorandum and Articles of Association tal-Kumpannija jistipula li:*

*No transfer of any share in the capital of the company, either by a Shareholder or involuntary transferee shall be made other than upon the terms and in such manner as set out in the Shareholders Agreement. Any purported transfer or disposition of Shares in violation of the Shareholders Agreement shall be void and the company shall not recognize or give any effect to such transaction;* ***(Vide Klawzola 24 tal-Articles of Association tal-Kumpannija anness u mmarkat bhala Dok C);***

*11. ILLI s-socjetajiet rikorrenti ghandhom dritt jinforzaw Klawzola 24 tal-Articles of Association tal-Kumpannija u jottjenu minn din l-Onorabbli Qorti dikjarazzjoni illi l-iStock Transfer Agreement hawn fuq imsemmi (Dok. D) huwa null u bla effett u ma jistax jaghti lok ghal ebda konsegwenzi validi;*

*12. ILLI, fid-dawl ta` dan id-dettal kollu li jirregola t-trasferiment tal-ishma fil-Kumpannija suggett ghad-dritt ta` prelazzjoni, li jirrizulta fix-Shareholders Agreement, tistona u ma taghmel l-ebda sens is-sentenza wahda f`klawsola 14 tal-istess Shareholders Agreement li tghid "It is expressly understood that any Shareholder may sell, transfer, or convey some or all of their Shares in the Company to another existing Shareholder without notice of such sale, transfer or conveyance, nor shall the other Shareholder have any right to participate in such a transaction." Bl-ebda mod ragjonevoli ma jista` jitwarrab dak kollu li essenzjalment jipprovdi x-Shareholders Agreement, li huwa ntenzjonat principalment biex jissalvagwardja d-drittijiet tal-azzjonisti kollha billi jinghataw dan id-dritt ta` prelazzjoni, abbazi ta` din is-sentenza wahda li tikkozza mal-ftehim kollu.*

*13. ILLI dan id-dritt ta` prelazzjoni huwa fundamentali anke ghall-fatt biss illi, skont l-istess ftehim, il-kontroll assolut tal-Kumpannija huwa*

*ezercitat biz-2/3 jew izjed tal-ishma fil-Kumpannija. Klawsola 15 tax-Shareholders Agreement (Dokument B) jipprovdi dwar dan kif gej:*

***"15. CONTROL. So long as all the Shareholders are alive, they shall vote their Shares to provide for the following:***

*a) The holders of two-thirds (2/3) or more of the Company`s Shares shall have the right to cause the Company to sell all of its Shares in the Company, provided the sales agreement gives the other Shareholders the right to participate in the sale on a pro rata basis. The other Shareholders shall receive reasonable notice of any such sale and the right to participate in it.*

*b) The holders of two-thirds (2/3) or more of the Company`s Shares shall have the right to cause the Company to sell all of its assets, provided the sales agreement gives the other Shareholders the right to participate in the sale of assets by being compensated on a pro rata basis. The other Shareholders shall receive reasonable notice of any such sale and the right to participate in it.*

*c) The vote of two-third (2/3) or more of the Company`s Shares shall be necessary to cause the Company to incur any debt beyond standard trade payables, issue additional Shares in the Company, acquire any material assets, modify the operating budget of the Company or to elect, retain or remove any director(s) of the Company."*

*14. ILLI huwa ghalhekk illi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom, u kellhom, jinghataw id-dritt li jixtru l-ishma tas-socjeta` intimata Herne Holdings Ltd fil-Kumpannija, sabiex jevitaw li azzjonist iehor ikollu wahdu l-kontroll effettiv tal-Kumpannija. Dan huwa proprju dak li effettivament qed taghmel is-socjeta` konvenuta GCM Holdings Ltd u l-beneficjarju (ultimate beneficial owner) taghha Gabriel Craig Murphy;*

*15. ILLI anke il-klawsola 15(d) tax-Shareholders Agreement topera f`dan is-sens, u cioe` li tevita sitwazzjoni fejn il-partecipazzjoni ta` Digital Technology LLC fit-tmexxija tal-affarijiet tal-Kumpannija ma tigix imnaqqra, u tghid proprju hekk: "DIGITAL TECHNOLOGY PRE-EMPTIVE RIGHTS. Digital Technology, upon the sale or issuance of any new Shares* ***whether to an existing or prospective shareholder****, shall have the right to purchase its pro rata share thereof at the price at which it is offered to others,* ***such that Digital Technology`s interest in the Company shall not be diluted,***

*should it exercise its right hereunder to make such purchase." (enfasi mizjuda). Ghalhekk, dak li qed taghmel din il-klawsola, hija li tipprotegi b`mod l-aktar car is-socjeta Integrated-Capabilities (Malta) Ltd, bhala nominee shareholder ta` Digital Technology LLC fil-Kumpannija, u l-istess Digital Technology LLC, qua azzjonista minoritarja sabiex ma jitnaqqrilhiex mill-kontroll limitat li ghandha fuq il-Kumpannija.*

*16. ILLI meta dan l-iStock Transfer Agreement ingieb ghall-attenzjoni ta` Digital Technology LLC, wara li l-istess ftehim kien gja gie ffirmat, Digital Technology LLC ipprotestat mas-socjetajiet intimati li l-iStock Transfer Agreement kien invalidu peress li kien bi ksur tax-Shareholders Agreement;*

*17. ILLI Herne Holdings Ltd irrikonoxxiet il-pozizzjoni ta` Digital Technology LLC u stqarret li kienet qed taccetta din il-pozizzjoni, u li l- iStock Transfer Agreement ma setax u ma missux jigi registrat jew processat minn Crowd Shout Holdings Ltd;*

*18. ILLI minkejja din il-pozizzjoni ta` Herne Holdings Ltd, GCM Holdings Ltd qieghda tinsisti li l-iStock Transfer Agreement ghandu jigi registrat mar-Registru tas-Socjetajiet u hi, u/jew is-sid beneficarju taghha, Mr. Gabriel Craig Murphy, qieghdin jippruvaw jiregistraw it-trasferiment invalidu tal-ishma fir-registru tal-kumpannija Crowd Shout Holdings Ltd;*

*19. ILLI l-agir u l-azzjonijiet ta` GCM Holdings Ltd qieghdin icahhdu lis-socjeta rikorrenti Integrated Capabilities (Malta) Limited bhala nominee shareholder ta` Digital Technology LLC fil-Kumpannija, u l-istess Digital Technology LLC, mid-drittijiet taghhom u dan billi GCM Holdings Ltd qieghda tinsisti li l-ishma ta` Herne Holdings Ltd f`Crowd Shout Holdings Ltd, gew trasferiti lil GCM Holdings Ltd anke jekk Digital Technology LLC qatt ma accettat bil-miktub li jsir it-trasferiment tal-ishma msemmi kif rikjest;*

*20. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-trasferiment tal-ishma tas-socjeta Herne Holdings Ltd fil-Kumpannija lil GCM Holdings Ltd, ma jistax jigi registrat fuq il-bazi tal-iStock Transfer Agreement imsemmi (**Dokument D**) stante li dan l-iStock Transfer Agreement ma jissodisfax ir-rekwiziti tal-Artiklu 118(2) tal-Kap. 386 peress li ma jikkostitwixxix dokument regolari ta` trasferiment ta` ishma (a proper instrument of transfer) izda semmai huwa ftehim sabiex jigu trasferiti l-ishma f`data futura;*

*21. ILLI, mir-Registru tas-Socjetajiet, jirrizulta illi, sa llum il-gurnata, id-diretturi validament appuntati tal-kumpannija Crowd Shout Holdings Ltd (kif jidhru f`Dok. A) ma rregistrawx it-trasferiment tal-ishma hawn fuq imsemmi;*

*22. ILLI fis-7 ta` Settembru 2015 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tas-socjetajiet attrici ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kawtelatorju sabiex, fost ohrajn, jigi inibit li jinghata effett ghall-bdil fl-ishma skont l-iStock Transfer Agreement u li jigi registrat bdil fl-ishma tal-Kumpannija fir-Registru tal-Kumpanniji jekk mhux tramite d-diretturi u/jew segretarju tas-socjeta` Crowd Shout Holdings Ltd kif prezentement imnizzla fir-Registru tal-Kumpanniji kif jirrizulta mid-Dokument A anness jew tramite diretturi u/jew segretarji tal-kumpannija li jistghu jigu registrati tramite l-istess diretturi u/jew segretarju tas-socjeta` Crowd Shout Holdings Ltd kif prezentement imnizzla fir-Registru tal-Kumpanniji kif jirrizulta mid-Dokument A anness. Kopja tad-digriet ta` din l-Onorabbli Qorti tinsab hawn annessa bhala* ***Dokument E****.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha premessi u prevja kull dikjarazzjoni li din l-istess Onorabbli Qorti jista jidhrilha xieraq li taghmel, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha* **:**

*1. Tiddikjara li l-iStock Transfer Agreement bejn Herne Holdings Ltd u GCM Holdings Ltd li sar fit-18 ta`Novembru 2014 (ghalkemm datat bil-miktub bhala li sar fl-10 ta`Novembru 2014) (Dokument B anness) huwa null u bla effett;*

*2. Tiddikjara li l-atti kollha maghmula mill-konvenuti abbazi tal-imsemmi Stock Transfer Agreement huma nulli u bla effetti;*

*3. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ma jipprocessax ebda rikjesti, fi kwalunkwe forma, li jirriflettu bdil fl-ishma tas-socjeta` Crowd Shout Holdings Limited (C-56979) abbazi tal-iStock Transfer Agreement hawn fuq imsemmi.*

*Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta` inibizzjoni numru 1383/2015 fl-istess ismijiet kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tar-Registratur tal-Kumpanniji li kienet prezentata fit-30 ta` Ottubru 2015 li taqra hekk :–

*Illi in kwantu ghall-meriti fattwali peress illi l-esponent mhuwiex edott mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikorrenti huwa jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju ta` dina l-Onorabbli Qorti.*

*Illi l-esponent ihoss li l-uniku interess tieghu f`din il-kawza ghandu jikkoncerna dak li ghandu x`jaqsam mal-operat u l-obbligi legali tieghu bhala Registratur tal-Kumpanniji kif mitlub mil-ligi partikolarment fejn jikkoncerna d-dokumenti li jkunu mehtiega li jigu konsenjati jew notifikati lilu ghar-registrazzjoni skont xi wahda mid-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

*Illi r-Registratur ottempera ruhu mal-ordni ta` dina l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, riflessa fil-mandat ta` inibizzjoni kawtelatorju fejn, fost ohrajn gie inibit milli jirregistra xi tip ta` tibdil fl-ishma ta` socjeta` Crowd Shout Holdings Limited (C 56979) milli dak kif prezentament imnizzla fir-Registru tal-Kumpanniji. Huwa mexa wkoll sabiex jinkludi fil-file pubbliku tal-kumpannija mizmuma minnu kopja ta` tali mandat allavolja m`ghandu ebda obbligu legali li jaghmel dan. Din hija semplici prattika mhaddna mir-Registratur sabiex terzi persuni jigu mgharrfa b`tali impediment.*

*Illi dan ma jfissirx illi r-Registratur ghandu poter iwaqqaf jew jaccedi ghal-talba illi jsir jew ma jsirx it-tibdil mitlub. Ta` min jenfasizza l-fatt illi r-Registratur huwa sempliciment ricevitur ta` avvizi ta` tibdil illi diga` jkun sehh fil-kumpannija. Fil-prattika l-formoli statutorji illi jircievi l-esponent jirriflettu fait accompli u jikkostitwixxu biss notifika ghar-registrazzjoni ghall-gharfien ta` terzi persuni. Dan ghaliex ma hemm l-ebda provediment fl-Att illi jipprovdi illi r-Registratur jista` minn jeddu jhassar jew iwaqqaf mir-registrazzjoni dokumenti mghoddija lilu skont il-ligi. Dan jista` jaghmlu biss fuq ordni tal-Qorti.*

*Illi meta r-Registratur jircievi dokument li jkun gie konsenjat lilu ghar-registrazzjoni huwa jaccetta tali dokument fuq il-premessa illi d-*

*dokument ikun gie konsenjat lilu in buona fede u jirregistrah skont kif titlob minnu l-ligi. Ghaldaqstant l-esponent jixtieq umilment jissolleva illi, fil-prattika, meta fil-funzjoni pubblika tieghu jigi biex jirregistra kwalunkwe dokument jew formola statutorja m`ghandux jitpogga fil-pozizzjoni skomda u difficli illi jkollu joqghod jikkonferma jew ifittex il-kunsens ta` xi terza persuna qabel ma jaghmel dak li titlob minnu l-ligi. Dan sakemm ma jkunx hemm xi ordni mahruga mill-Qorti.*

*Illi f`dan il-kaz, l-esponent jixtieq umilment jissolleva illi, gjaladarba nhareg mandat ta` inibizzjoni, il-Qorti ghandha fis-sentenza taghha taghti direzzjoni lir-Registratur dwar kif ghandu jipprocedi bid-dokumenti mibghuta lilu jew illi ghadhom iridu jigu mibghuta lilu ghar-registrazzjoni fir-rigward tal-kumpanniji intimati.*

*Bl-ispejjez.*

Rat in-nota ta` Herne Holdings Ltd li kienet prezentata fit-30 ta` Ottubru 2015 li taqra hekk :–

*1. Illi socjeta` intimata qieghda taqbel ma` dak premess mis-socjetajiet rikorrenti fir-rikors guramentat taghhom;*

*2. Illi socjeta` intimata qieghda taqbel ukoll mat-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti fir-rikors guramentat taghhom; u*

*3. Konsegwentement is-socjeta` intimata ghalhekk qed tammetti l-istess talbiet sa fejn dawn jistghu jolqtu lilha.*

Rat in-nota ta` Crowd Shout Holdings Ltd li kienet prezentata fit-30 ta` Ottubru 2015 li taqra hekk :–

*1. Illi socjeta` intimata qieghda taqbel ma` dak premess mis-socjetajiet rikorrenti fir-rikors guramentat taghhom;*

*2. Illi socjeta` intimata qieghda taqbel ukoll mat-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti fir-rikors guramentat taghhom; u*

*3. Konsegwentement is-socjeta` intimata ghalhekk qed tammetti l-istess talbiet sa fejn dawn jistghu jolqtu lilha.*

Rat ir-risposta guramentata ta` GCM Holdings Ltd li kienet prezentata fit-2 ta` Novembru 2015 li taqra hekk :–

*1. Illi qabel xejn, din il-kawza ghandha tinstema` flimkien mal-kawza Rik. Gur. Nru. 894/2015 JZM fl-istess ismijiet premessi u wkoll appuntata ghas-smigh fis-seduta tad-19 ta` Novembru 2015 stante li hemm konnessjoni ta` suggett bejn iz-zewg kawzi u/jew id-decizjoni ta` wahda tista` tolqot id-decizjoni tal-ohra;*

*2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` din il-kawza stante li l-istess suggett jifforma l-mertu ta` proceduri gudizzjarji pendenti fl-Istat ta` Kansas fl-Istati Uniti tal-Amerika u kif ukoll f`Isle of Man;*

*3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-eccezzjoni precedenti, il-Qorti ghandha xorta wahda tissospendi s-smigh ta` din il-kawza pendenti l-ezitu tal-proceduri gudizzjarji fl-Istat ta` Kansas fl-Istati Uniti tal-Amerika u kif ukoll f`Isle of Man stante li d-decizjonijiet f`dawk il-proceduri jolqtu bis-shih id-decizjoni ta` din il-kawza;*

*4. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzjoni ghas-suespost, is-socjeta` attrici Digital Technology LLC ma ghandha l-ebda interess guridiku li tippromwovi din il-kawza fil-konfront tal-esponenti;*

*5. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzjoni ghas-suespost, is-socjeta` attrici Integrated-Capabilities (Malta) Ltd ukoll ma ghandha l-ebda interess guridiku li tippromwovi din il-kawza fil-konfront tal-esponenti;*

*6. Illi fil-mertu, it-talbiet tas-socjetajiet attrici ghandhom jigu michuda stante li nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

*7. Illi filwaqt li s-socjetajiet attrici ghandhom jippruvaw il-pretensjonijiet u t-talbiet taghhom, l-iStock Transfer Agreement bejn is-socjeta` esponenti u s-socjeta` konvenuta Herne Holdings Ltd sar fl-10 ta` Novembru 2014 (u mhux fit-18 ta` Novembru 2014 kif allegat mis-socjetajiet attrici) u huwa validu, kif ukoll huma validi l-atti kollha maghmula abbazi tal-istess Stock Transfer Agreement;*

*8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

*Dikjarazzjoni ta` fatti ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta:*

*1.1 Illi qabel xejn, din il-kawza ghandha tinstema` flimkien mal-kawza Rik. Gur. Nru. 894/2015 JZM fl-istess ismijiet premessi u wkoll appuntata ghas-smigh fis-seduta tad-19 ta` Novembru 2015 stante li hemm konnessjoni ta` suggett bejn iz-zewg kawzi u/jew id-decizjoni ta` wahda tista` tolqot id-decizjoni tal-ohra;*

*1.2 Illi permezz tal-kawza Rik. Gur. Nru. 894/2015 JZM is-socjetajiet attrici qeghdin jitolbu principalment in-nullita` tal-Laqgha tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` Crowd Shout Holdings Ltd li sehhet fl-10 ta` Novembru 2014 (u mhux fit-18 ta` Novembru 2014 kif qed jigi allegat mis-socjetajiet attrici) u tar-rizoluzzjonijiet li setghu ghaddew f`dik l-istess laqgha skont il-minuti rispettivi, liema rizoluzzjonijiet jinkludu l-approvazzjoni tal-iStock Transfer Agreement li n-nullita` tieghu qed tintalab f`din il-kawza;*

*2.1 Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` din il-kawza stante li l-istess suggett jifforma l-mertu ta` proceduri gudizzjarji pendenti fl-Istat ta` Kansas fl-Istati Uniti tal-Amerika u kif ukoll f`Isle of Man;*

*2. 2 Illi fil-gurisdizzjoni ta` Kansas gew intavolati proceduri minn Crowd Shout Ltd kontra Westmark Capital LLC u Gabriel Murphy fit-Tenth Judicial District Court of Johnson County Kansas Civil Department [15CV00453 Div 11], li permezz taghhom il-Qorti gewwa Kansas qieghdha principalment tintalab tinterpreta x-Shareholders Agreement li abbazi tieghu*

*s-socjetajiet attrici qieghdin jallegaw li l-iStock Transfer Agreement imsemmi huwa null u bla effett;*

*2. 3 Illi f`dawn l-istess proceduri gudizzjarji gewwa Kansas, il-konvenut Gabriel Murphy (direttur u ultimate beneficial owner tas-socjeta` esponenti GCM Holdings Ltd) ressaq kontro-talba li permezz taghha qieghed jitlob lill-istess Qorti gewwa Kansas sabiex fost l-ohrajn tiddikjara l-validita` tal-iStock Transfer Agreement li n-nullita` tieghu qieghdha tintalab mis-socjetajiet attrici fil-kawza odjerna;*

*2. 4 Illi fil-gurisdizzjoni ta` Isle of Man gew intavolati proceduri minn Crowd Shout Ltd u Crowd Shout Holdings Ltd kontra Nova Scotia Ltd, GCM Holdings Ltd, Digital Technology LLC, Herne Holdings Ltd, Gabriel Craig Murphy, Rogina Murphy u Integrated Capabilities (Malta) Ltd, fil-High Court of Justice of the Isle of Man – Civil Division [ORD 15/0024], li permezz taghhom il-Qorti gewwa Isle of Man qieghdha fost l-ohrajn tintalab taghti dikjarazzjoni dwar il-validita` u r-registrabilita` tat-trasferiment tal-ishma li sehh permezz tal-iStock Transfer Agreement imsemmi;*

*2. 5 Illi huwa bil-wisq evidenti li s-suggett tal-kawza odjerna jifforma l-mertu tal-proceduri gudizzjarji msemmija pendenti fl-Istat ta` Kansas fl-Istati Uniti tal-Amerika u kif ukoll fl-Isle of Man, u huwa ghalhekk li dina l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza odjerna u dan sabiex jigu evitati decizjonijiet potenzjalment kunfliggenti fuq l-istess suggett moghtija minn awtoritajiet gudizzjarji f`pajjizi differenti;*

*3.1 Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-eccezzjoni precedenti, il-Qorti ghandha xorta wahda tissospendi s-smigh ta` din il-kawza pendenti l-ezitu tal-proceduri gudizzjarji fl-Istat ta` Kansas fl-Istati Uniti tal-Amerika u kif ukoll f`Isle of Man stante li d-decizjonijiet f`dawk il-proceduri jolqtu bis-shih id-decizjoni ta` din il-kawza;*

*3. 2 Illi a skans ta` ripetizzjoni ssir riferenza ghal dak diga` dikjarat hawn qabel fil-paragrafi numru 2.2, 2.3 u 2.4 ta` din id-dikjarazzjoni;*

*3. 3 Illi ghal dawn l-istess ragunijiet, u fil-kaz li t-tieni eccezzjoni tigi michuda, fl-umli opinjoni tal-esponenti ikun ghaqli li s-smigh tal-kawza odjerna jigi sospiz pendenti l-ezitu tal-proceduri gudizzjarji fl-Istat ta` Kansas fl-Istati Uniti tal-Amerika u kif ukoll f`Isle of Man u dan sabiex jigu evitati*

*decizjonijiet potenzjalment kunfliggenti fuq l-istess suggett moghtija minn awtoritajiet gudizzjarji f`pajjizi differenti;*

*4.1 Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzjoni ghas-suespost, is-socjeta` attrici Digital Technology LLC ma ghandha l-ebda interess guridiku li tippromwovi din il-kawza fil-konfront tal-esponenti;*

*4. 2 Illi s-socjeta` attrici Digital Technology LLC, fl-ewwel lok ma tirrizultax fir-Registru tal-Kumpanniji ta` Malta bhala azzjonista tas-socjeta` konvenuta Crowd Shout Holdings Ltd u fit-tieni lok lanqas ma hija parti/firmatarja fuq ix-Shareholders Agreement imsemmi li abbazi tieghu s-socjetajiet attrici qieghdin jallegaw li l-iStock Transfer Agreement imsemmi huwa null u bla effett;*

*5.1 Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzjoni ghas-suespost, is-socjeta` attrici Integrated-Capabilities (Malta) Ltd ukoll ma ghandha l-ebda interess guridiku li tippromwovi din il-kawza fil-konfront tal-esponenti;*

*5.2 Illi bir-rispett kollu, l-esponenti ma tista` bl-ebda mod tifhem kif is-socjeta` attrici Integrated-Capabilities (Malta) Ltd jista` jkollha xi forma ta` interess guridiku f`din il-kawza meta bhala fatt jirrizulta li hija stess itterminat is-servizzi fiducjarji li kienet tippresta ta` diretturi, segretarji tal-kumpannija, ufficcju registrat u nominee shareholder kemm lis-socjeta` esponenti u kif ukoll lis-socjeta` konvenuta Crowd Shout Holdings Ltd;*

*6.1 Illi fil-mertu, it-talbiet tas-socjetajiet attrici ghandhom jigu michuda stante li nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

*6.2 Illi kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza, il-pretensjonijiet u l-fatti dikjarati mis-socjetajiet attrici huma karatterizzati minn inkonsistenzi u inezattezzi li ghandhom iwasslu ghac-cahda tat-talbiet taghhom;*

*7.1 Illi filwaqt li s-socjetajiet attrici ghandhom jippruvaw il-pretensjonijiet u t-talbiet taghhom, l-iStock Transfer Agreement bejn is-socjeta` esponenti GCM Holdings Ltd u s-socjeta` konvenuta Herne Holdings Ltd sar fl-10 ta` Novembru 2014 (u mhux fit-18 ta` Novembru 2014 kif allegat mis-socjetajiet attrici) u huwa validu, kif ukoll huma validi l-atti kollha*

*maghmula abbazi tal-istess Stock Transfer Agreement;*

*7.2 Illi l-iStock Transfer Agreement imsemmi huwa datat 10 ta` Novembru 2014. Ghal ragunijiet li jafu huma, is-socjetajiet attrici qed jallegaw li l-istess Stock Transfer Agreement sar fit-18 ta` Novembru 2014 u mhux fl-10 ta` Novembru 2014. Dan irid jigi ppruvat minnhom;*

*8.1 Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*9.1 Illi* ***ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12****, Ligijiet ta` Malta, jigi dikjarat illi ghar-ragunijiet spjegati, il-fatti kollha kif dikjarati mis-socjetajiet attrici, jehtieg illi jigu ppruvati.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tas-socjeta` Herne Holdings Limited tat-30 ta` Ottubru 2015 li permezz taghha ammettiet it-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti sa fejn dawn jistghu jolqtu lilha;

Rat in-nota tas-socjeta` Crowd Shout Holdings Ltd tat-30 t` Ottubru 2015 li permezz taghha ammettiet it-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti sa fejn dawn jistghu jolqtu lilha;

**Rat il-verbal tad-19 ta` Novembru 2015 fejn il-partijiet qablu li din il-kawza odjerna tinstema` flimkien mal-kawza fl-istess ismijiet bin-numru 894/15JZM.**

Rat in-nota tas-socjeta` GCM Holdings Ltd ta` l-4 ta` Dicembru 2015 li permezz taghha zammet fermi t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet taghha;

Rat l-ordni taghha tat-28 ta` Jannar 2016 sabiex il-partijiet iressqu provi dwar it-tieni, it-tielet, ir-raba` u l-hames eccezzjonijiet preliminari mressqa minn GCM Holdings Ltd;

Rat il-verbal tat-28 ta` Jannar 2016;

Rat in-nota tas-socjeta` intimata GCM Holdings Ltd tat-28 ta` Jannar 2016 flimkien mad-dokumenti annessi;

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta GCM Holdings Ltd tad-29 ta` Frar 2016 flimkien ma` l-affidavit u dokumenti annessi;

Semghet ix-xhieda ta` Gabriel Murphy moghtija fis-seduta ta` l-14 ta` Marzu 2016 u rat id-dokumenti ezebiti minnu;

Rat il-verbal maghmul fl-14 ta` Marzu 2016 fejn sar qbil illi ghall-fini tad-decizjoni eventwali tal-Qorti dwar it-tieni, it-tielet, ir-raba` u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenuti GCM holdings Limited, ix-xhieda li qeghda tingabar fil-kawza odjerna tkun tghodd bhala prova fil-kawza fl-istess ismijiet bin-numru 894/2015 JZM;

Rat in-nota tas-socjeta` Integrated Capabilities (Malta) Ltd tat-22 ta` April 2016 flimkien ma` l-affidavit u dokumenti annessi;

Rat in-nota tas-socjeta` Integrated Capabilities (Malta) Ltd tal-25 ta` April 2016 flimkien ma` l-affidavit anness;

Rat id-digriet tat-28 ta` April 2016 fejn ir-Registratur tal-Kumpaniji gie awtorizzat jipprezenta dokumenti;

Semghet ix-xhieda ta` l-Av. Dr Claudette Fenech bhala rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpaniji kif ukoll rat id-dokumenti pprezentati;

Rat in-nota ta` l-Av. Jonathan Abela Fiorentino u l-Av. Matthew Cutajar tal-25 ta` Mejju 2016;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta` Gunju 2016 li permezz tieghu ddikjarat l-istadju tal-gbir tal-provi maghluq u qieset bhala rinunzjat l-kontroezami ta` Catherine Baxter u Rachael Overman.

Rat id-dokumenti ezebiti waqt is-seduta tat-28 ta` Gunju 2016.

**Rat li din il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar it-tieni, it-tielet, ir-raba` u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenuta GCM Holdings Limited.**

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Xiehda

**Gabriel Craig Murphy** ipprezenta affidavit bl-Ingliz fejn spjega li huwa cittadin Amerikan bil-passaport numru 488837683 u direttur u sid uniku ta` GCM Holdings Ltd (GCM) li hija kumpanija li giet iffurmata f`Malta fis-17 ta` Lulju 2012 bin-numru ta` registrazzjoni C 56968. Spjega li GCM hija s-sid uniku ta` Westmark Capital LLC (Westmark) li hija kumpanija ffurmata fl-istat ta` Kansas fl-Istati Uniti ta` l-Amerka. Huwa wkoll direttur u *indirect controlling shareholder* ta` Crowd Shout Holdings Ltd (CSHL) li hija kumpanija li giet iffurmata f`Malta fit-18 ta` Lulju 2012 bin-numru ta` registrazzjoni C 56979. Huwa sostna li l-kontroll ta` CSHL fir-rigward ta` l-azzjonisti u diretturi hija l-*crux* ta` litigazzjoni pendenti gewwa Johnson County, Kansas, Stati Uniti; fl-Isle of Man u f`Malta. Sostna li dawn il-proceduri jirrigwardaw l-istess partijiet u l-istess mertu. Spjega li huwa rcieva kopji ta` traskrizzjonijiet ta` xhieda migbura f`seduti li attenda ghalihom f`Kansas, filwaqt li sostna li huwa ma jifhimx bil-Malti.

Murphy xehed li CSHL hija l-proprjetarja unika ta` Crowd Shout Ltd (CSL) li hija kumpanija registrata f`Isle of Man fis-7 ta` Gunju 2012 bin-numru tar-registrazzjoni 008432V. Huwa direttur ta` CSL u in vista li huwa proprjetarju ta` GCM, huwa indiretttament jikkontrolla CSL. CSL ghandha bhala assi materjali – *video2mp3.net.domain* u l-proprjeta intelletwali li jaghmlu l-website relattiva. Il-kontroll ta` din il-*website* u d-dhul li tiggenera huwa parti mill-mertu tal-litigazzjoni f`Kansas, Isle of Man u f`Malta. F`Novembru 2014, tramite GCM, huwa dahal fi *Stock Transfer Agreement* mas-Sinjur Lagerstrom li huwa s-sid uniku ta` Herne Holdings Ltd ( Herne). F`dan il-ftehim, GCM akkwistat l-ishma kollha ammontanti ghal 7,500 li Herne kellha f`CSHL. Fl-istess hin, huwa dahal fi *Proxy Agreement* li awtorizzatu li jivvota f`isem dawn il-7,500 ishma mizmuma minn Herne f`CSHL sakemm jigi registrata l-*Stock Transfer Agreement* mar-Registratur tal-kumpaniji.

Murphy spjega li GCM hi s-sid ta` 14,000 *shares* jew 70% tat-total ta` 20,000 *shares* f`CSHL. Ir-rimanenti 6,000 *shares* huma mizmuma minn Digital Technology LLC (Digital) li hija kumpanija ffurmata f`Saint Kitts & Nevis. Digital kienet precedentement is-sid uniku tal-*website*. Integrated Capabilites (Malta) Ltd (ICML) ma taqbilx li GCM hija propjetarja ta` 14,000 *shares* u tikkontendi illi Herne ghad ghandha 7,500 *shares* f`CSHL mentri GCM ghandha biss 6,500 shares f`CSHL. Spjega li mill-informazzjoni li ghandu, Digital ma ghandhiex assi aktar hlief ghal 6,000 *shares* li ghandha f`CSHL. Digital ma tinnegozjax f`Malta u l-uniku konnessjoni li ghandha ma` Malta hija minhabba dawn l-ishma li ghandha f`CSHL li hija kumpanija Maltija. Spjega li s-sidien ta` Digital huma zewg persuni residenti fi Florida, l-Istati Uniti li huma Michael Connolly li huwa sid ta` 80% f`Digital u Nathan Thomas li huwa sid ta` 20% f`Digital. Sostna li l-ebda wiehed minn dawn ma gie f`Malta.

Gabriel Craig Murphy spjega li Digital ma ghandhiex interess guridiku li tiftah kawza f`Malta kontra GCM u dana peress li hija entita` domiciljata f`Saint Kitts & Nevis. Spjega li Digital ghazlet inizjalment li taghzel il-gurisdizzjoni ta` l-istat ta` Kansas biex tiehu hsieb il-mertu li huwa rifless fil-proceduri mehuda f`Malta. Spjega wkoll li ICML qatt ma kienet azzjonista f`CSHL u lanqas qatt ma provdiet servizzi lil Digital. Sostna li l-ezistenza ta` Digital ipprecediet l-formazzjoni ta` GCM, Herne u CSSL. ICML kienet *corporate services provider* ta` CSL. Imbaghad fis-17 ta` Novembru 2014, huwa u Lagerstrom gew infurmati mis-Sinjur Perks li ICML xtaqet tirrizenja milli tkompli tforni servizzi lil CSHL. In fatti, Perks ammetta fix-xhieda moghtija minnu fit-12 ta` Awissu 2015, li ICML irrizenjat minn fiducjarja ta` CSHL. Insista li ICML ma ghandha l-ebda interess guridiku li taghmel kawza f`Malta kontra GCM peress li din la hija direttur u lanqas azzjonista f`CSHL. Spjega li Perks *qua* direttur ta` ICML iddecieda li jaghmel proceduri f`gurisdizzjoni ohra, liema proceduri huma mertu ta` l-istess proceduri hawn f`Malta, u dana f`Jannar 2015.

Murphy kompla jghid li fi Frar 2015, huwa inkariga lil Saga Juris Advocates bhala avukati Maltin ta` CSHL u f`April 2015, Saga Juris Advocates baghtu lment formali lil Registratur tal-Kumpaniji u lil Malta Financial Services Authority. Fl-ilment, gie mnizzel l-*gross mismanagement* ta` ICML li mar kontra l-obbligi rizultanti minn Trust & Trustees Act (Kap 331 tal-Ligijiet ta` Malta) u mill-Companies Act (Kap 386). Fl-14 ta` Awissu 2014, gie nfurmat li r-Registratur tal-Kumpaniji kienu rrikonoxxew li Form K, Form T u Form Q kienu gew sottomessi fir-rigward tal-kumpanija bin-numru C 56979 u li kollox kien ghadu *pending registration.* Huwa insista li ICML qed tipprova ssib rimedju fi 3 grisdizzjonijiet differenti.

Sostna illi GCM u CSHL flimkien ma` ICML u CSL huma partijiet fi proceduri legali inizijati mis-Sinjur Perks fit-23 ta` Jannar 2015 kontra tieghu u kontra Westmark gewwa Kansas liema proceduri jgibu l-isem *Crowd Shout Ltd v Westmark Capital et al* u bin-numru 15CV00453. F`din il-procedura, Perks ipprezenta petizzjoni guramentata li giet ezebita flimkien ma` l-affidavit. Spjega li din il-procedura inbdiet minn Perks li kien qed jagixxi personalment kif ukoll ghan-nom ta` ICML izda that l-isem ta` Crowd Shout Ltd. Spjega li Perks, qua direttur ta` ICML, inkariga lil Eric Kraft ta` Eric Kraft Law LLC biex jipprezenta l-petizzjoni . Spjega li Kraft kien l-avukat tas-Sinjur Neeld li kien offra servizzi legali lil Westmark fl-2012 u 2013. Insista li ICML kienet l-ewwel entita` li talbet rimedju mill-Qorti ta` Kansas fir-rigward tad-diretturi ta` CSL.

Fisser li ICML setghet ghamlet dawn it-talbiet f`Malta izda minflok ghazlet lil Qorti ta` Kansas biex tiddetermina l-proprjeta` u l-kontroll ta` CSHL. Huwa ghadda biex ghamel referenza ghal xi korrispondenza li huwa kien baghat lil Perks u ICML, kif ukoll ghax-xhieda moghtija fil-5 ta` Frar 2015 fejn Kraft li huwa l-avukat ta` ICML ikkonferma li kien kellem lil Crowd Shout Holdings, Herne Holdings u Digital Tech u lkoll qablu mieghu dwar il-litigazzjoni f`Kansas.

Stqarr li fl-4 ta` Marzu 2015 huwa pprezenta risposta u kontrotalba fil-litigazzjoni pendenti f`Kansas fejn talab lil qorti biex tiddetermina l-validita` ommeno ta` *Stock Transfer Agreement* li sar bejn GCM u Herne, il-validita` tal-*Proxy Agreement* li sar ma` Herne u biex tiddetermina min huma d-diretturi li ghandhom il-kontroll f`CSHL. Kompla jghid li fis-7 ta` Mejju 2015, GCM ipprezentat petizzjoni sabiex tintervjeni fil-litigazzjoni tal-Kansas. Il-petizzjoni talbet dikjarazzjoni dwar min jikkontrolla CSHL kif ukoll talba ghal danni kontra Digital. Huwa ezebixxa ukoll dokumenti ammontanti ghal kont ghal servizzi legali provduti li minnu jirrizulta li kien hemm kommunikazzjoni ma` diversi partijiet li huma konnessi mal-procedura hawn f`Malta u dana dwar din il-procedura fil-Kansas. Fis-6 ta` Awissu 2015, GCM ipprezentat *additional suggestions in support of intervenor`s Second motion to intervene* li fiha gie indikat mhux biss il-partijiet li huma l-istess partijiet kemm fil-procedura f`Kansas izda wkoll f`dik ta` Malta, izda wkoll gew sottolinjati l-avvenimenti li graw bl-iskop li jikkagunaw dannu lil CSL.

Kompla jghid illi fit-2 ta` Settembru 2015, il-Qorti f`Kansas ordnat li GCM u CSHL jigu mdahhla bhala partijiet f`dawk il-proceduri . Fid-9 ta` Dicembru 2015, CSHL ipprezenta *Cross Claim Petition* kontra ICML u Perks u dan kollu fil-litigazzjoni pendenti f`Kansas. F`din il-procedura, qed jintalab

decizjoni dwar id-diretturi ta` CSHL. Kompla jghid li Kraft kien imbaghad imnehhi minn avukat u rimpjazzat minn McDowell Rice Smith & Buchanan P.C. Spjega li l-*engagement letter* giet iffirmata minn Robert Arthur Cannell li huwa direttur ta` ICML. Tali ittra giet ikkupjata lil Baxter li hija direttrici ta` ICML , lil Thomas u lil Lagerstrom. Insista li l-istess atturi fil-kawza Maltija fimkien ma` Herne kienu nvoluti fl-ingaggar ta` MRSB fil-litigazzjoni f`Kansas f`Settembru 2015. Huwa nsista li MRSB qed tagixxi ukoll fl-interess ta` ICML, Digital u Herne u mhux biss fir-rigward ta` CSL. Huwa ghadda biex sostna li f`korrispondeza skambjata l-avukat ta` ICML ammetta li kien hemm 3 pendenzi gudizzjarji in konnessjoni ma` l-istess materja. Sostna wkoll li fit-12 ta` Frar 2016 MRSB ghaddiet lill-avukat ta` CSHL f`Kansas proposta ghal transazzjoni li fiha kien hemm suggerit illi jigu mwaqqfa t-tlett pendenzi gudizzjarji.

Dwar il-proceduri li ttiehdu fl-Isle of Man, stqarr li Perks u ICML bdew tali procedura fit-22 ta` Mejju 2015 fl-ismijiet *Crowd Shout Ltd & others v Nova Scotia Ltd & Others* (Claim No ORD 15/0024). Qal li din il-petizzjoni wkoll titlob illi jigi determinat il-kontroll ta` CSHL. Huwa sostna li Perks qed jagixxi kemm taht l-awtorita` ta` CSl u kif ukoll ta` CSHL. Sostna li l-partijiet kollha fil-proceduri mizmuma hawn f`Malta huma wkoll partijiet fil-proceduri fl-Isle of Man hlief ghar-Registratur tal-Kumpaniji. Huwa sostna li fit-2 ta` Gunju 2015, ICML ipprezentat *HCC Continuation Sheet* ghal Form HC8C fejn giet sostnut li ICML giet avzata li proceduri f`Malta ser idumu minhabba *backlog of cases*. Sostna wkoll illi fil-litigazzjoni ta` Kansas, gie ammess li Perks agixxa bhala direttur ta` Crowd Shout Ltd.

Sahaq illi l-procedura tal-lum ghandha tieqaf milli tinstema` peress li l-istess partijiet huma involuti fi procedura dwar l-istess mertu f`gurisdizzjoni ohra. ICML, CSHL, GCM u CSL huma erba` partijiet li huma parti mil-litigazzjoni f`Kansas, Isle of Man u Malta. Fit-23 ta` Frar 2016, Westmark ipprezenta petizzjoni kontra s-Sinjur Neeld fil-Qorti ta` Kansas fl-ismijiet *TechBiz Advisors LLC & Westmark Capital LLC v Neeld* (Case No 16CV001123). Huwa insista li *District Court of Johnson County* Kansas huwa l-forum adegwat u gust li ghandu jisma` din il-kawza. Spjega li dan il-forum gie maghzul minn Perks u Baxter. Sostna li l-kawza f`Malta giet ipprezentata bhala *last minute forum shopping*.

Fil-**kontroezami** xehed li Kevin John Perks ipprezenta formuli fis-7 ta` Novembru 2014 mar-Registratur tal-Kumpaniji f`Isle of Man biex jirrizenja minn *registered agent*. Huwa sostna li ma ghandux informazzjoni jekk Perks *qua* direttur ta` CSHL ipprezentax f`Malta dokumenti dwar ir-rizenja tieghu. Huwa kkonferma li fil-31 ta`Lulju 2015 huwa pprezenta form K mal-Malta Financial Services Authority li fiha hemm imnizzla r-rizenja

tas-Sinjur Perks, s-Sinjura Baxter u s-Sinjura Cascun. Spjega li attwalment id-diretturi ta` CSHL huma hu nnifsu u Rogina Murphy.

Stqarr li huwa ghandu rizoluzzjoni fejn it-tnejn li huma accettaw r-rizenja tas-Sinjur Perks ghan-nom ta` ICAP u sussegwentement, huma appuntaw lilhom nfushom bhala diretturi ta` CSHL. Ikkonferma li kemm hu u kemm Rogina pprezentaw il-formula apozita mar-Registratur tal-Kumpanijiet sabiex jinfurmawh li huma diretturi ta` CSHL.

Huwa spjega li lir-Registratur tal-Kumpanijiet, kien ghaddilhom ir-rizenja ta` Perks, il-minuti tal-laqgha tal-bord, l-i*stock transfer agreement,* il-*proxy agreement,* ir-rizoluzzjoni ta` Novembru 2014 flimkien ma` dokumenti ohra. Spjega li dan sehh bejn l-1 ta` Lulju 2015 sa 14 ta` Awissu 2015. Rinfaccata b`qari ta` korrispondenza fejn Perks spjega li r-rizenja tieghu kienet ser tkun fir-rigward ta` CSL, Murphy insista li tali korrispondenza tindika li r-rizenja ta` Perks kienet kemm fir-rigward ta` CSHL u CSL. Muri diversa korrispondenza ohra, Murphy baqa` jinsisti li huwa ma ghamel xejn biex jikkaguna tali rizenja ta` Perks. Insista li r-rizenja kienet wahda rigwardanti s-servizzi kollha. Huwa kkonferma li huwa kkorrisponda ma` Perks u mhux ma` Baxter izda minkejja dan, il-formuli pprezentati kienu jirrigwardaw anke lil Baxter peress li hija kienet tifforma parti minn I-CAP Group.

Muri l-petizzjoni pprezentata bhala Exhibit C u li tirrigwarda l-proceduri fil-Qorti ta` Kansas, huwa sostna li minkejja li tidher ipprezentata minn CSL, kienet I-CAP Group li pprezentat tali procedura. Spjega li f`dik il-kawza, huwa qed jinsisti li l-attur ma kellux awtorita` li jipprezenta tali petizzjoni. Huwa sostna li l-Qorti f`Kansas iddecidiet illi CSHL tigi kjamata fil-kawza. Insista li dik il-procedura tirrigwarda l-istess mertu ta` din il-kawza odjerna.

Kompla jghid li l-kawza f`Kansas tirrigwarda l-i*stock transfer agreement* u anke l-*proxy agreement*. Sostna li fit-3 ta` Settembru, CSHL u Integrated Capabilities Malta Limited gew mizjuda bhala partijiet f`dawk il-proceduri. Gie wkoll inkluz Kevin John Perks. Huwa kkonferma li l-proceduri f`Kansas originarjament kienu jirrigwardaw il-proprjeta` ta` l-assi ta` CSL. Ikkonferma wkoll li kien minhabba l-intervent tieghu ghan-nom ta` CSHL li huwa imbaghad introduca l-kwistjoni ta` *share transfer agreement* u tad-diretturi ta` CSHL.

Cahad li l-kontrotalba saret f`Dicembru 2015 u sostna li din il-kwistjoni ta` CSHL kienet ilha tissemma sa mill-bidu tal-proceduri. Huwa kkonferma li ha azzjonijiet ohra ghan-nom ta` CSHL fosthom li talab lill-avukat Malti li qed jidher ghan-nom ta` CSHL biex ma jkomplix bl-inkarigu tieghu. Huwa sostna li d-digriet moghti fl-atti tal-mandat ta` inibizzjoni jirrigwarda projbizzjoni fuq l-Malta Financial Services milli tattwa bdil. Spjega li huwa kkomunika mal-Malta Financial Services Authority dwar investigazzojni li ghamel dwar il-licenzja ta` Integrated Capabilities Malta Limited u kif ukoll ikkomunika mal-Malta Financial Services Authority ta` l-Isle of Man dwar I-CAP Group. Huwa wkoll qieghed fil-process li jappunta avukat fl-Isle of Man bbiex jirraprezenta lil CSHL.

Sostna li l-proceduri Malta jirrigwardaw indirettament il-proprjeta` ta` CSL. Huwa kkonferma li ICML tidher bhala azzjonistat ta` CSHL. Fil-bidu li giet krejata CSHL, ICML kienet l-azzjonista tal-azzjonijiet kollha tal-kumpanija inkluzi dawk ta` GCM. Huwa insista li ICML qatt ma fornew servizzi, inkluzi *nominee shareholder services* lil Digital Technology. Huwa sostna imbaghad li huwa ma jafx x` inhi r-relazzjoni bejn I-Cap u Digital. Ikkonferma li l-azzjonisti ta` CSHL li jidhru fir-Registru tal-Kumpaniji huma GCM u Digital. Huwa kkonferma li l-ishma mizmuma minn ICML huma in fatti ishma ta` Digital. Huwa sostna li Digital hija inkluza fil-proceduri mizmuma fil-Kansas ghaliex l-avukat ta` CSL qal li kien tkellem mar-rapprezentant ta` Digital. Spjega li fl-ingagg ta` l-avukat il-gdid, rapprezentant ta` Digital ukoll iffirmaha. Madanakollu, imbaghad Murphy ammetta li Digital mhijiex parti fil-kawza fil-Kansas, ghalkemm insista li Digital hija involuta.

Qal illi l-procedura fil-Kansas bdiet fit-28 ta` Jannar 2015; il-procedura fl-Isle of Man fit-22 ta` Mejju 2015 u din il-kawza fit-2 ta` Settemrbu 2015. Huwa kkonferma li Digital u ICML huma konvenuti f`dik il-kawza u li dik il-kawza tressqet minn CSL u CSHL ghalkemm minn persuni li ma kellhomx awtorizazzjoni. Huwa insista li Dr Camilleri mhuwiex awtorizzat li jirraprezenta lil CSHL. Ipprezenta *email* li fiha hemm indikat ir-rizenja li saret minn I-Cap ghas-servizzi kollha taghhom fir-rigward ta` CSHL u CSL.

**Catherine Baxter** xehdet ukoll bil-procedura ta` l-affidavit fejn spjegat li hija cittadina tar-Renju Unit. Hija direttrici u *company secretary* tal-kumpanija ICML u ta` kumpaniji ohra li huma klijenti u amministrati minn ICML liema kumpaniji jinkludu CSHL u Herne. CSHL hija kumpanija Maltija li giet inkorporata fit-18 ta` Lulju 2012 bin-numru tar-registrazzjoni C 56979. L-*issued share capital* ta` CSHL jikkonsisti fi 20,000 *ordinary shares* ta` USD 0.13341 registrati in kwantu ghal 7,500 *shares* (37.5%) f`isem Herne; ghal 6,500 *shares* (32.5%) f`isem GCM u ghal 6,000 *shares* (30.05%)

f`isem ICML. L-ishma f`isem ICML kienu mizmuma bhala *nominee* ghan-nom ta` Digital u dana skont *Declaration of Nominee Status* maghmul fl-14 ta` Jannar 2013 kif ukoll skont dikjarazzjoni ohra wara li sar konverzjoni ta` *share capital* minn EURO ghal USD.

Xehdet illi qabel l-14 ta` Jannar 2013 l-ishma ta` CSHL kienu mizmuma fil-*branch* f`Malta ta` Integrated-Capabilities Ltd (I-CAP). Permezz ta` ittra ta` ingaggar datata l-1 ta` Novembru 2012 mahruga minn ICML, CSHL u l-*beneficial owners* ta` CSHL ossija Digital, Herne u GCM, accettaw it-*terms of business (STB-Fiduciary Services MALTA).* Dawk it-termini baqghu kif kienu u gew pubblikata fil-*website* ta` I-CAP Group fejn f`*section* 23 jinghad li dak il-ftehim huwa governata bil-Ligi Maltija u l-Qrati Maltin ghandhom gurisidzzjoni f`kaz ta` litigazzjoni dwar l-istess ftehim. Kompliet tghid li l-assi principali ta` CSHL huwa l-*beneficial ownership* ta` CSL. CSL hija kumpanija li giet iffurmata f`Isle of Man fis-7 ta` Gunju 2012 bin-numru ta` registrazzjoni 008432V .

Stqarret illi *share* ta` GBP 1.00 f`CSL huwa registrat f`Nova Scotia Ltd (Nova Scotia) u dan huwa mizmum minn Nova Scotia ghan-nom ta` CSHL mis-7 ta` Gunju 2012 ai termini ta` *Declaration of Nominee Status.* Nova Scotia hija proprjeta` ta` Integrated-Capabilities Ltd (I-Cap IOM) u tali kumpanija tagixxi bhala *nominee shareholder* ghal numru ta` klijenti ta` I-CAP IOM . Hija spjegat li l-assi ta` SCL huwa d-dhul generat mill-*website video2mp3.com.*

Fissret spjegat li hemm tliet kawzi pendenti li jinvolvu lil CSHL u/jew lil CSL. Il-procedura fil-Qorti ta` Kansas inbdiet fit-23 ta` Jannar 2015 mill-attur CSL kontra Controlling Owner LLC (qabel maghruf bhala Westmark Capital LLC) stante li l-isem ta` Westmark gie mibdul fl-24 ta` Awissu 2015 u kontra Gabriel Craig Murphy. Spjegat li Westmark hija kumpanija ffurmata f`Kansas u hija proprjeta` ta` Murphy. Murphy huwa wkoll is-sid ta` GCM. L-ghan ta` din l-azzjoni hija sabiex jittiehed lura l-kontroll ta` l-assi ta` CSL minghand Murphy u Westmark. Spjegat li Westmark u Murphy talbu li l-Qorti ta` Kansas ghandha tiddetermina l-validita ta` *Share Transfer Agreement* li sar fir-rigward ta` *shares* mizmuma minn Herne f`CSHL u dwar l-validita` tal-allegat *board meeting* u *extraordinary general meeting* ta` CSHL. Hija sostniet li Digital temmen li huma l-Qrati Maltin li jistghu jiddeterminaw l-proprjeta u *directorship* ta` CSHL li hija kumpanija Maltija.

Fissret li huma biss il-Qrati Maltin li jistghu jaghtu direzzjoni lir-Registratur tal-Kumpaniji hekk kif sehh fil-proceduri tal-mandat kawtelatorju. Sostniet li Digital mhijiex parti mill-proceduri mizmuma

quddiem il-Qorti ta` Kansas. Kompliet tghid li Digital, li hija *minority shareholder* fil-kumpanija Maltija, temmen li l-gurisdizzjoni hija dik Maltija. Insistiet li qatt ma kienet l-intenzjoni ta` CSL li titlob lil Qorti sabiex tidhol fil-kwistjoni ta` *share transfer agreement* u in fatti, hija qajjmet eccezzjonijiet kontra tali kontrotalba inkluza li l-Qorti ta` Kansas ma ghandhiex gurisdizzjoni dwar tali mertu.

Xehdet illi dwar il-proceduri ta` Isle of Man inizjati fit-22 ta` Mejju 2015. Spjegat illi l-kawza inbdiet minn CSL u CSHL konguntement kontra Nova Scotia, GCM, Digital, Herne, Gabriel Craig Murphy, Rogina Murphy (il-mara dak iz-zmien ta` Murphy), ICML fil-kapacita` taghha ta` *nominee shareholder* f`isem Digital). Din il-kawza saret (i) biex twaqqaf lil GCM, Murphy u Rogina Murphy milli jagixxu ta` diretturi u ufficjali ta` CSL u CSHL; (ii) jinghataw dikjarazzjonijiet dwar min huma l-azzjonisti attwali ta` CSL u CSHL u sabiex ikun hemm ingunzjoni li twaqqaf lil GCM u Murphy milli jappuntaw jew jirrimwovu diretturi ta` CSL u CSHL u (iii) jinghataw dikjarazzjonijiet dwar il-validita` ommeno ta` trasferiment ta` ishma li saru fid-dawl ta` ftehim datat 10 ta` Novembru 2014 maghmul bejn GCM u Herne fir-rigward ta` ishma mimzuma f`CSHL kif ukoll dwar il-validita` ta` laqgha tal-bord ta` CSHL mizmuma fit-18 ta` Novembru 2014 u determinazzjoni ta` ftehim ta` l-azzjonisiti raggunt bejn CSHL u GCM, Digital u Herne.

Xehdet illi l-ewwel talba giet spjegat f`aktar dettal fis-sens li jinkludi talba ghal dikjarazzjoni li (i) d-diretturi ta` CSL u ta` CSHL ghandhom jkunu appuntati minn CSL u CSHL u li Gabriel Craig Murphy u Rogina Murphy qatt ma kienu diretturi ta` CSL u CSHL; (ii) li r-*registered shareholders* ta` CSL huma l-unici persuni li ghandhom dritt jappuntaw jew jnehhu diretturi ta` CSL; (iii) li s-*sole registered shareholder* ta` CSL huwa Nova Scotia; (iv) li kwalunkwe trasferiment li sar permezz ta` *Stock Transfer Agreement* huwa null u ma ghandux jigi registrat minn CSHL; (v) li rizoluzzjonijiet maghmula ghan-nom ta` CSHL fil-laqgha tal-bord tat-18 ta` Novembru 2014 fejn gie approvat it-trasferiment ta` ishma minn Herne ghal GCM u l-*proxy agreement* li sar huma invalidi u (vi) li Herne hija l-*beneficial owner* ta` Herne Shares.

Qalet ukoll li taht it-tieni talba, gie mitlub li jigi dikjarat li l-konjugi Murphy ma ghandhomx jagixxu bhala diretturi jew ufficjali ta` CSL u CSHL, ma jistghux jappuntaw u jnehhu diretturi ta` CSL u lanqas ma` jistghu jnehhu jew jappuntaw direttur f`CSHL hlief in linea mad-dikjarazzjoni tas-*Shareholders` Agreement*. Hija spjegat illi Digital hija konvenuta f`din l-azzjoni u ma nghatat l-ebda opportunita` li tissalvagwardja id-drittijiet taghha u twaqqaf lil Murphy, Westmark jew GCM milli tkompli tippregudika

lil SCHL. Sostniet li l-uniku mezz li tista` taghmel dan huwa tramite procedura fil-Qrati Maltin.

Dwar il-proceduri Malta, Baxter stqarret li saru diversi azzjonijiet. Sar mandate ta` inibizzjoni fit-2 ta` Settembru 2015 minn Digital u ICML fil-kapacita taghha ta` *nominee* ta` Digital kontra CSHL; GCM, Herne u r-Registratur tal-kumpaniji u dan biex timpedixxi lill-konvenuti milli jirregistraw bdil fid-diretturi u fl-azzjonisti ta` CSHL minghajr approvazzjoni ta` diretturi mnizzel fir-*records* ta` Registratur tal-Kumpaniji. Dan sar minhabba li ICML indunat illi r-Registratur tal-Kumpaniji kien ircieva formuli ghar-registrazzjoni ta` bdil li sehh.

Stqarret li saret kawza sabiex jigi dikjarat null l-*istock transfer agreement* li sar bejn Herne u GCM ; jigi dikjarat li l-atti kollha li saru in segwitu ghal tali ftehim huma nulli u sabiex ir-Registratur tal-Kumpaniji jigi ordnat ma jipprocessax it-talba ghal trasferiment ta` ishma rizultanti minn dan il-ftehim. Imbaghad hija spjegat li fit-tieni kawza, intalbet dikjarazzjoni li l-*Board Meeting* tat-18 ta` Novembru 2014 u r-rizoluzzjonijiet mehuda kienu kollha nulli. Intalab ukoll fl-istess kawza biex jigi ordnat li CSHL ghandha tigi mmexxija mid-diretturi li huma registrati fir-*records* ta` Registratur tal-kumpaniji u sabiex ir-Registratur tal-Kumpaniji jigi ordnat ma jipprocessax bdil fid-diretturi in linea ma` dak li gie miftiehem fl-istess laqgha.

Fissret il-punti saljenti mill-procedura pendenti quddiem il-Qorti tal-Kansas. Ghaddiet imbaghad biex spjegat li l-procedura f`Isle of Man gietipprezentata minhabba illi CSL u CSHL kienu tal-fehma li l-Qorti ta` Kansas ma ghandhomx awtorita` li jaghtu decizjoni fuq kumpaniji li huma governati minn legislazzjoni f`pajjizi ohra. Spjegat li CSHL kienet konsapevoli li I-Qorti ta` Isle of Man tista` tiddeciedi li ma ghandhiex awtorita` li taghti decizjoni dwar kumpanija Maltija ghalkemm kien hemm precedent fl-ismjiet *Misland (Cyprus) Investments Ltd vs McKillen (2014) EWHC 3859 (Ch).*

Xehdet illi d-differenzi li hemm bejn il-kawza f`Isle of Man u l-kawza f`Malta. Spjegat li CSHL huwa attur f`Isle of Man u konvenut fil-kawza Maltija. Hija l-kumpanija Digital li ghamlet il-kawza f`Malta u qed tagixxi bhala konvenut fil-kawza fl-Isle of Man. Il-kawza f`Isle of Man tinkludi bhala attur lil CSL li mhuwiex parti fil-kawza Maltija. Spjegat li fil-kawza quddiem l-Isle of Man, il-kwistjoni hija dwar l-kontroll ta` CSL izda tqajjmu kwistjonijiet dwar CSHL peress li ma setghux jigu determinati f`vakwu. Sostniet li Digital ghamlet talba lil Qrati Maltin peress li hija din il-Qorti li tista` taghti tali ordnijiet . Digital hadet azzjoni malli giet infurmata mill-

awditur ta` CSHL dwar il-fatt li r-registratur tal-kumpaniji kien ghadu ma ghamilx update tal-website dwar il-bdil ta` Cascun minn direttur . Xhin imbaghad Digital skopriet dak li kien gara, inghatat parir li tibda l-proceduri hawn f`Malta.

Baxter stqarret li minkejja d-digriet moghti fl-atti tal-mandat kawtelatorju, Murphy ghadu jsostni li ghandu r-rapprezentanza ta` CSHL u li jista` jiehu azzjonijiet ghan-nom ta` l-istess. Spjegat li Murphy inkariga lil Suter bhala l-legali ta` CSHL fil-proceduri pendenti f`Kansas. Murphy ghadu jiddikjara illi huwa u Rogina Murphy huma id-diretturi ta` CSHL. Anke f`*emails* li gew skambjati, Murphy insista mal-legali debitament appuntat minn CSHL biex jieqaf mill-inkarigu tieghu ghaliex qed jippretendi li huwa kellu jiehu decizjonijiet ghan-nom ta` CSHL.

Qalet illi Murphy jigdeb hafna u in fatti ezebit affidavit ta` Rogina Murphy ipprezentat quddiem il-Qorti ta` Kansas li fih hemm dikjarat li hija qatt ma tat il-kunsens taghha biex tagixxi bhala direttur ta` diversi kumpaniji fosthom CSHL. Spjegat li Murphy kemm-il darba ikkaguna fastidju lil ta` madwaru u ghaddiet biex taghti ezempji fosthom b`referenza ghal okkazzjoni fejn ta fastidju lilha u anke utilizza Google u Linkedln biex jghaddi kummenti libelluzi kontra I-CAP.

**<u>Rachel Rhiannon Overman</u>** xehdet b`affidavit fejn spjegat li waqt li kienet fl-ufficini ta` ICML fit-12 ta` April 2016 ghal habta ta` 16.43, Catherine Baxter poggiet il-*mobile* taghha fuq *speaker* u indikatilha li kien cemplilha Gabriel Craig Murphy. Spjegat li Murphy ghadda varji kummenti baxxi u intimidanti kollha diretti ghal Catherine Baxter. Hija kkonfermat ukoll in-nota maghmula minn Baxter li fiha hemm imnizzla uhud mill-kummenti li ghadda Murphy.

**<u>Av. Dr. Claudette Fenech</u>** xehdet illi ghand ir-Registratur kien hemm formuli li kienu jikkontjenu hafna tahwid fid-dati u li r-Registratur hass li ma kienux jaghmlu sens u ghalhekk kienu ntbaghtu lura ghal korrezzjoni. Hija spjegat li dawn il-formuli ma gewx irregistrati fir-Registru. Jista` jkun izda li gew registrati internament mal-kumpanija.

## III. <u>L-eccezzjonijiet ta` GCM Holdings Limited</u>

### a) <u>It-tieni eccezzjoni</u>

Fid-dikjarazzjoni tal-fatti, is-socjeta` eccipjenti ddikjarat li fil-gurisprudenza ta` Kansas gew intavolati proceduri minn CSL kontra Westmark u Gabriel Murphy fit-*Tenth Judicial District Court of Johnson County Kansas Civil Department* (15CV00453 Div 11), li permezz taghhom il-Qorti gewwa Kansas qeghdha tintalab tinterpreta is-*shareholders` agreement* li abbazi tieghu is-socjetajiet attrici qed jallegaw illi l-*stock transfer agreement* huwa null u bla effett.

Gie sostnut li f`dawn l-istess proceduri gudizzjarji gewwa Kansas, il-konvenut Gabriel Murphy (direttur u *ultimate beneficial owner* tas-socjeta` GCM) ressaq kontro-talba li permezz taghha qieghed huwa wkoll jitlob lill-istess Qorti gewwa Kansas sabiex fost l-ohrajn tiddikjara min huma d-diretturi ta` CSHL u min ghandu kontroll ta` l-istess kumpanija.

Dwar il-proceduri f`Isle of Man, fid-dikjarazzjoni tal-fatti, intqal li fil-gurisdizzjoni ta` Isle of Man gew intavolati proceduri minn CSL u CSHL kontra Nova Scotia, GCM, Digital, Herne, Gabriel Craig Murphy, Rogina Murphy u ICML, fil-*High Court of Justice of the Isle of Man – Civil Division* (ORD 15/0024), li permezz taghhom il-Qorti gewwa l-Isle of Man qieghdha fost l-ohrajn tintalab taghti dikjarazzjoni dwar il-validita` u r-registrabilita` tat-trasferiment tal-ishma li sehhet permezz ta` l-*istock Transfer Agreement.*

Ghalhekk, is-socjeta` eccipjenti sostniet li s-suggett tal-kawza odjerna jifforma l-mertu tal-proceduri gudizzjarji imsemmija pendenti fl-istat ta` Kansas fl-Istati Uniti tal-Amerika u kif ukoll fl-Isle of Man u huwa ghalhekk li dina l-Onorabbli Qorti ghanda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza odjerna u dan sabiex jigu evitati decizjonijiet potenzjalment kunfliggenti fuq l-istess suggett moghtija minn awtoritajiet gudizzjarji f`pajjizi differenti.

Mill-banda l-ohra, is-socjetajiet rikorrenti qed jopponu ghal tali eccezzjoni u jinsistu li din il-Qorti ghandha tkompli tisma` l-kawza odjerna, minkejja li hemm dawn il-pendenzi gudizzjarji gewwa l-Istat tal-Kansas u gewwa l-Isle of Man.

**1. <u>Id-dritt</u>**

Preliminarjament, din il-Qorti tosserva li hawnhekk ma tressqitx eccezzjoni fis-sens li l-Qrati Maltin ma ghandhomx gurisdizzjoni jisimghu dan il-kaz peress li mhumiex sodisfatti l-kriterji rekwiziti biex Qorti Maltija

jkollha gurisdizzjoni. Mhuwiex kontestat li l-mertu tal-kwistjoni jaqa` fic-cirkostanzi preskritti mill-ligi applikabbli li jaghtu gurisprudenza lil din il-Qorti sabiex tisma` l-kaz odjern. L-eccezzjoni ticcirkonda biss talba illi din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta` din il-kawza peress li dan l-istess mertu jifforma l-mertu ta` proceduri gudizzjarji pendenti fl-istat ta` Kansas fl-Istati Uniti tal-Amerka u kif ukoll f`Isle Of Man.

Konsegwentement, id-disposizzjoni rilevanti ghall-konsiderazzjoni ta` din it-tieni eccezzjoni hija l-Art **742 (2) tal-Kap 12** li jaqra:

> *Il-gurisdizzjoni tal-qrati ta` kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li qorti barranija tkun qeghda tittratta l-istess kawza jew kawza li ghandha x`taqsam maghha. Meta qorti barranija jkollha gurisdizzjoni konkorrenti, il-qrati jistghu fid-diskrezzjoni taghhom, jilliberaw lill-konvenut mill-osservanza tal- gudizzju jew iwaqqfu l-procedimenti f`kaz li l-azzjoni, jekk titkompla Malta, tkun vessatorja, oppressiva jew ingusta ghall-konvenut.*

Issir referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti tal-11 ta` Gunju 2013 fil-kawza <u>“**Grima noe vs Monet Limited et**” </u>fejn inghad :-

> *“Illi dwar il-kwestjoni tal-inkompetenza tal-Qrati ordinarji minhabba deroga mahluqa b`rizultat ta` kompetenza konkorrenti ta` xi qorti f`gurisdizzjoni ohra, il-ligi tal-Procedura tistabilixxi li l-fatt wahdu li jkun hemm qorti ohra barranija li jkollha gurisdizzjoni konkorrenti ma jeskludix minn qabel il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin. Jidher li dak l-artikolu japplika fejn ikun hemm diga` kawza dwar l-istess haga jew konnessa maghha li qeghda tinstama` minn qorti barranija. Jekk ma jkunx hemm kawza bhal dik diga` mibdija, jidher li s-setgha li Qorti Maltija tqis u tisma` l-kawza tiddependi mill-kriterji li normalment isejsu l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin skond l-artikolu 742(1) tal- Kap 12.”*

F`sentenza ohra moghtija fil-11 ta` Dicembru 2003, din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fl-ismijiet “<u>**Peter Arrigo Ltd vs Avv. Dr Christopher Cilia nomine et”**</u>, waqt analizi li saret minn dik il-Qorti dwar klawsoli ta` gurisdizzjoni miftehma bejn il-partijiet, intqal is-segwenti:

> *Illi dwar il-kwestjoni tal-inkompetenza tal-Qrati ordinarji minhabba deroga mahluqa minn klawsola ta` gurisdizzjoni, il-ligi tal-Procedura tistabilixxi li l-fatt wahdu li jkun hemm qorti ohra barranija li jkollha gurisdizzjoni konkorrenti ma jeskludix minn qabel il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin (Art 742(2) tal-Kap 12). Jidher li dak l-artikolu japplika fejn ikun hemm diga` kawza dwar l-istess haga jew konnessa maghha li qeghda tinstama` minn qorti barranija. Jekk ma jkunx hemm kawza bhal dik diga` mibdija,*

*jidher li s-setgha li Qorti Maltija tqis u tisma` l-kawza tiddependi mill-kriterji li normalment isejsu l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin skond l-artikolu 742(1) tal-Kap 12….Illi l-effett li l-eccezzjoni tal-klawsola gurisdizzjonali ggib maghha huwa, kif tghid il-ligi, jew li tehles lill-imharrek milli jibqa` izjed fil-kawza, jew li ttemm il-procediment jekk ikun jidher lill-Qorti li l-kawza mressqa f`Malta, jekk kellha titkompla, kienet sejra tkun vessatorja, oppressiva jew ingusta ghall-parti mharrka. Izda dan kollu jiddependi minn jekk il-Qorti tkunx, qabel, waslet ghall-fehma li, minkejja tali klawsola, hija xorta wahda ghandha s-setgha li tisma` l-kawza."*

Ghaldaqstant, fid-dawl ta` dan kollu, jirrizulta li l-elementi li ghandhom jigu ezaminati minn din il-qorti jirrigwardaw –

i. Provi dwar jekk hemmx kawza quddiem qorti barranija li titratta l-istess kawza jew kawza li ghandha x` taqsam maghha;
ii. Provi illi f`kaz li l-azzjoni titkompla Malta, tali tkun vesstorja, oppressive jew ingusta ghal konvenut.

F`kaz illi entrambi z-zewg elementi fuq riferiti, jigu ppruvati, din il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni illi tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju jew twaqqaf il-procedimenti. Madanakollu, kif jemergi car mit-test Ingliz bl-uzu tal-verb "may", din id-diskrezzjoni mhijiex mandatorja u ghalhekk il-Qorti tista` minkejja l-provi mressqa, taghzel li ma tezercitax id-diskrezzjoni taghha u tkompli tisma` l-kaz fid-dawl tal-principju generali sancit fl-artikolu 742(2) tal-Kap 12 illi l-gurisdizzjoni tal-qrati ta` kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li qorti barranija tkun qeghda tittratta l-istess kawza jew kawza li ghandha x`taqsam maghha.

Fuq nota finali u in parentesi, din il-Qorti tosserva li l-eccezzjoni tas-socjeta` eccipjenti tirrigwarda kawzi istitwiti fl-Istati Uniti ta` l-Amerka u fl-Isle of Man. Dwar l-Isle of Man, din il-Qorti tirreferi ghall-artikolu elettroniku intitolat ***Isle of Man: Dispute Resolution Review (4th edition) - Isle Of Man*** miktub minn Christopher Cope, Fletcher Craine u Claire Collister fejn gie spjegat li :

*The Isle of Man is not part of the European Union. It has a limited relationship with the EU through Protocol 3 to the United Kingdom`s Treaty of Accession. This provides for movement of goods between the Island and EU countries. Otherwise, EU legislation does not extend to the Island.*

Kif ukoll ghall-artikolu elettroniku ***Enforcing England and Wales judgments abroad*** (misjub fuq l-indirizz elettroniku http://www.out-

law.com/topics/dispute-resolution-and-litigation/enforcement/enforcing-england-and-wales-judgments-abroad/) li minnu jirrizulta li r-regolamenti jew konvenzjonijiet partikolarment il-*Brussels Regulation* u *Lugano Convention* ma japplikawx fir-rigward ta\` l-Isle of Man u f\`kaz li jkun hemm bzonn ta\` infurzar ta\` decizjonijiet moghtija minn Qorti Ingliza fl-Isle of Man ghandha tigi applikata l-*Foreign Judgments (Reciprocal Enforcement) Act.*

Ghalhekk, f\`dawn il-kazi, entrambi pajjizi ma humiex parti mill-Unjoni Ewropeja u l-konvenzjonijiet jew regolamenti mahruga u ffirmati mill-Istati Membri ta\` l-Unjoni Ewropeja mhumiex applikabbli fil-konfront taghhom. Ghalhekk, gustament huwa l-artikolu 742(2) tal-kap 12 li japplika f\`dan il-kaz u huma l-elementi sanciti minnhom li ghandhom jigu ezaminati sabiex tigi deciza din l-eccezzjoni.

**2. <u>Il-procediment Malta</u>**

Din il-Qorti tibda biex tissottolinja kif gia\` ghamlet fid-digriet taghha ta\` l-14 ta\` Marzu 2016 illi fis-sustanza, il-mertu ta\` din il-kawza huwa tilwima bejn l-azzjonisti tas-socjeta\` konvenuta CSHL dwar *Stock Transfer Agreement* li sar bejn tnejn mill-azzjonisti ta\` CSHL. Ghalhekk, il-vertenza ta\` din il-kawza ticcirkonda l-kumpanija CSHL.

Kif gia\` inghad fid-digriet ta\` l-14 ta\` Marzu 2015, il-fatt li s-socjeta CSHL hija s-sid ta\` CSL ma jfissirx li din il-kawza tirrigwarda CSL u li ghalhekk CSL ghandha l-interess li trid il-ligi sabiex issir konvenuta fil-kawza odjerna. Fl-istess sens, din il-Qorti mhijiex ser tqis li kawzi li saru fir-rigward ta\` interessi ta\` CSL jiffurmaw l-istess mertu tal-kawza li ghandha quddiemha illum.

**3. <u>Il-procediment Kansas</u>**

Din il-Qorti tinnota illi fir-rigward tal-proceduri pendenti quddiem il-Qorti ta\` Kansas fl-Istati Uniti ta\` l-Amerka, il-procedura giet istitwita minn CSL fit-23 ta\` Jannar 2015 kontra Gabriel Craig Murphy u Westmark. Fil-petizzjoni, saru talbiet in konnessjoni ma\` l-assi ta\` CSL u fl-ebda hin ma ntalbet xi dikjarazzjoni jew ntalbet li tinghata xi ordni in konnessjoni ma\` CSHL. (Vide Dok A a fol 77-90)

Is-socjeta` eccipjenti GCM qed isostni illi fil-verita din il-litigazzjoni saret ghan-nom ta` ICML u Digital. In sostenn ta` dan, GCM ghamlet referenza ghal dikjarazzjoni maghmula mil-legali Kraft waqt seduta tal-5 ta` Frar 2015 fejn dan sostna li kien tkellem ma` rapprezentanti ta` CSHL, Herne, Digital u lkoll stqarrew li kienu favur din il-procedura gudizzjarja. Issemma wkoll li l-involviment ta` ICML irrizulta mill-fatt li fil-kont ghas-servizzi legali rezi mahrug minn Kraft ghax-xahar ta` Mejju 2015 hemm imnizzla diversi persuni li huma partijiet involuti fil-kawza pendenti quddiem il-Qrati Maltin.

Din il-Qorti ma taqbilx ma` l-allegazzjoni ta` GCM. L-attrici f`din il-kawza maghmula quddiem il-Qorti ta` Kansas, hija CSL. Tant hu hekk Murphy u Westmark kienu ghamlu talba lill-istess Qorti ta` Kansas sabiex Digital; I-CAP u CSHL jigu mdahhla bhala partijiet f`din il-procedura. Imbaghad permezz ta` decizjoni moghtija fid-2 ta` Settembru 2015, dik il-Qorti ordnat fost ohrajn li jigu kjamati fil-kawza CSHL u I-CAP fost persuni ohrajn.

Jidher ghalhekk li Digital (li hija wahda mir-rikorrenti fil-kawza odjerna) ghadha mhijiex parti f`dawn il-proceduri mizmuma fil-Qorti ta` Kansas fl-Istati Uniti ta` l-Amerka.

Irrizulta wkoll li Murphy f`ismu personali qajjem kontrotalba fl-4 ta` Marzu 2015 fejn talab dikjarazzjoni simili ghal dik mitluba fil-kawza odjerna, ossija fejn intalab li *Stock Transfer Agreement* li sar bejn Herne u GCM datat 10 ta` Novembru 2014 u l-*Proxy Agreement* maghmul minn Herne jigu dikjarati validi fost talbiet ohra. Madanakollu, fid-decizjoni tat-2 ta` Settembru 2015, dik il-Qorti ddikjarat li tali talbiet ma setghux isiru minn Murphy innifsu izda kellhom semmai jsiru minn GCM;

> *The Court also concludes that GCm, not Mr Murphy is the real party in interest of Mr Murphy`s counterclaims for declaratory relief but concludes that such counterclaims should be heard in this action as they are compulsory counterclaims asserted by GCM. Additionally as Westmark has been reinstated, it may bring its counterclaims, Plaintiff`s motion to dismiss defendants` counterclaims is therefore denied."*

Jidher ghalhekk li t-talbiet imressqa minn Murphy kellhom isiru minn GCM u mhux minnu, izda baqghu *in vigore* stante li GCM giet ukoll imsejha fil-kawza fl-istess sentenza.

Imbaghad, xhur wara illi kien inghata d-digriet dwar il-mandat ta` inibizzjoni bin-numru 1383/2015 konness ma` din il-kawza kif ukoll inbdiet din il-procedura, precizament fid-9 ta` Dicembru 2015, CSHL ipprezentat kontrotalba fejn fost talbiet ohra, intalab illi mit-12 ta` Jannar 2015, Kevin John Perks, Joanna Cascun, Tobert Cannell u Catherine Baxter ma kinux ghadhom diretturi ta` CSL, li ma setghux jagixxu ghal CSL u li l-ftehim bejn I-Cap u CSHL gie terminat. Din il-kontrotalba saret minn Michelle Suter ta` Commercial Law Group. Din il-legali ma gietx inkarigata mid-diretturi jew mill-azzjonisti maggoritarji ta` CSHL u dana kif ikkonfermat minn Catherine Baxter fl-affidavit taghha u kif jirrizulta mid-diversi oggezzjonijiet maghmula bil-miktub u pprezentati bhala Appendix 10 u Appendix 13.

Irrizulta li din Suter giet inkarigata fuq struzzjonijiet ta` Murphy hekk kif ammetta fil-kontroezami tieghu fejn iddikjara li huwa agixxa fil-vesti tieghu ta` direttur ta` CSHL in vista ta` dak li gie miftiehem fil-laqghat li qed jigu kkontestati f`din il-kawza odjerna. Kien in fatti Murphy li kuntrarjament ghal dak li gie ordnat fid-digriet tal-Qorti tas-7 ta` Settembru 2015 agixxa u kkonduca *"l-affarijiet tal-kumpanija Crowd Shout Holdings Ltd (C-56979) jekk mhux tramite l-bord tad-diretturi kif illum kompost u prezentement imnizzla fir-Registru tal-Kumpaniji ….*" U kien l-istess Murphy li ha *"kwalunkwe decizjoni u/jew azzjoni f`isem is-socjeta` Crown Shout Holdings Ltd (C-56979) jekk mhux formalment approvata mill-bord tad-diretturi kif illum kompost u prezentement minizzla fir-Registru tal-Kumpanniji…."* Minkejja l-ordni cara moghtija bid-digriet tas-7 ta` Settembru 2015 fl-atti tal-mandat ta` inibizzjoni bin-numru 1383/2015.

Irrizulta wkoll mill-affidavit ta` Catherine Baxter illi b`risposta ghal din il-kontrotalba, tqajjmu numru ta` difizi fosthom li l-Qorti tal-Kansas ma ghandhiex gurisdizzjoni dwar materji li jirrigwardaw Kevin John Perks, I-Cap, CSHL u GCM. In oltre, l-istess Qorti tal-Kansas kienet gia` rrimarkat fid-decizjoni taghha li tikkjama fil-kawza lil Perks u lil I-Cap, illi jista` jkun li hija ma ghandhiex gurisdizzjoni tisma` kawzi fil-konfront ta` dawn:

> *"The Court grants defendants` motion to join the following parties (1) Crowd CSH (Crowd Shout Holdings Limited); (2) GCM ; (3) Techbiz; (4) Mr Perks; and (5) I-Cap, although the Court notes the unlikelihood of being able to exercise jurisdiction over Mr Perks and I-Cap."*

Minn din l-esposizzjoni ta` l-avvenimenti cirkondanti din il-procedura f`Kansas, din il-Qorti tqis li:

(i) La Digital u lanqas Herne ma gew kjamati fil-kawza;

**(ii)** Ma giex iccarat mill-Qorti tal-Kansas ghal min qed issir referenza meta jissemma l-kjamata fil-kawza ta` I-Cap. Dan id-dubbju gie

wkoll sostnut minn Catherine Baxter fejn fl-affidavit taghha spjegat b`referenza ghal I-Cap – "*not defined as to which I-Cap entity*. Ghalhekk, lanqas ma jista` jigi meqjus b`certezza li l-attrici odjern ICML hija parti f`dik il-kawza;

**(iii)** Il-kontrotalba maghmula minn CSHL saret minn decizjoni mehuda minn ufficjali li sallum gew prekluzi milli jagixxu bhala rapprezentanti jew diretturi ta` CSHL sakemm tigi deciza din il-pendenza gudizzjarja;

**(iv)** Il-kontrotalba maghmula minn CSHL f`Dicembru 2015 saret wara li giet istitwita din il-kawza odjerna.

**(v)** Hija biss din il-Qorti li tista` taghti ordnijiet lir-Registratur tal-Kumpaniji f`Malta li huwa wkoll parti fil-kawza odjerna u li mhuwiex parti mill-proceduri legali istitwiti fil-Kansas. It-tielet talba ta` dan ir-rikors odjern tirrigwarda talba biex jinghataw ordnijiet lir-Registratur tal-kumpaniji – talba li ovvjament ma hijiex kontenuta fil-procedura istitwita fil-Kansas.

Fid-dawl ta` dawn il-fatti, din il-Qorti ghalkemm taqbel li l-procedura f`Kansas sejra tirrigwarda materja li ghandha x` taqsam f`xi istanzi mal-procedura li ghandha quddiemha, **assolutament** ma tarax li ghandha tezercita d-diskrezzjoni moghtija lilha fl-artikolu 742(2) tal-kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta. Din il-Qorti mhijiex tara li jekk ma twaqqafx din l-procedura, tali procedura ser tkun vessatorja, oppressiva jew ingusta ghall-konvenuta. Ghal kuntrarju, f`kaz li twaqqaf tisma` dan il-kaz, tali twaqqif ser ikun vessatorju, oppressiv u ingust versu r-rikorrenti, partikolarment Digital li mhijiex parti fil-proceduri istitiwiti f`Kansas. Din il-Qorti ghalhekk sejra tiddeciedi li ghandha tkompli tisma` din il-kawza fil-mertu sabiex tiddeciedi dwar il-kwistjonijiet li kjarament jirrigwardaw kumpanija iffurmata f`Malta u regolata bil-ligi Maltija.

## 3. <u>Procedura fl-Isle of Man</u>

Din il-procedura nbdiet fit-22 ta` Mejju 2015 konguntement minn CSL u CSHL kontra Nova Scotia, GCM, Digital, Herne, Murphy, mart Murphy, u ICML fil-kapacita` taghha ta` *nominee shareholder* ta` Digital fir-rigward ta` l-ishma li din ghandha f`CSHL. (Vide Dok D a fol 100 -112 tal-process).

Jidher li l-mertu f`din il-kawza huwa kwazi-identiku ghal mertu ta` din il-kawza odjerna peress li fiha hemm talba biex jinghataw dikjarazzjonijiet dwar il-validita` ommeno ta` l-*IStock Transfer Agreement*. (Vide Appendix 6a u Appendix 6b).

Ghal darb`ohra, ghalkemm jidher li l-partijiet fil-kawza odjerna (eskluz biss ir-Registratur tal-kumpaniji) huma lkoll parti fil-kawza mehuda fl-Isle of Man, fil-procedura odjerna jirrizultaw talbiet sabiex jinghataw ordnijiet minn din il-Qorti lir-Registratur tal-Kumpaniji. Tali ordnijiet jistghu jinghataw minn din il-Qorti.

Din il-Qorti tiehu konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-mezz li huwa provdut ghal dawk li mhumiex jaqblu (i) ma` dak li sehh bejn GCM u Herne u (ii) ma` dak li sehh waqt il-laqghat mizmumin fit-18 ta` Novembru 2014, huwa li jirrikorru lejn din il-Qorti, peress li hija din il-Qorti li tista` taghti ordnijiet lill-istess Registratur tal-Kumpaniji sabiex tali dokumentazzjoni li ghandhom jigu registrati ai termini tal-ligi tal-kumpaniji, ma tigix hekk processata.

Minn esposizzjoni tal-mertu ta` din il-procedura fl-Isle of Man, jirrizulta li hemm diversi divergenzi bejnha u bejn il-procedura odjerna. Fosthom, (i) CSHL hija attrici fil-procedura mizmuma fl-esteru u konvenuta fil-procedura odjerna; (ii) Digital u ICML huma atturi fil-proceduri odjerni mentri CSHL hija konvenuta fil-procedura odjerna; u (iii) il-procedura fl-Isle of Man tirrigwarda partijiet ohra u talbiet ohra fosthom ukoll lil CSL li mhijiex parti fil-procedura odjerna.

Madanakollu, jirrizulta ben evidenti li ghalkemm hemm talbiet ohra maghmula quddiem l-Qorti ta` l-Isle of Man sabiex jigu risolti kwistjonijiet relatati mal-kontroll ta` CSL, il-procedura fl-Isle of Man tirrigwarda (fost ohrajn) mertu li huwa identiku ghal uhud mit-talbiet pprezentati f`din il-procedura.

Din il-Qorti tifhem wkoll illi stante li din il-procedura fl-Isle of Man hija daqstant simili ghal dik proposta quddiemha, is-socjeta konvenuta GCM thossha li jekk il-kawza titkompla quddiem din il-Qorti, tali tkomplija ser tkun vessatorja, oppressiva u ingusta fil-konfront taghha. Dana ghaliex GCM ser ikollha tressaq id-difiza taghha dwar talbiet simili jekk mhux identici quddiem zewg Qrati differenti.

Izda minkejja dawn l-osservazzjonijiet, din il-Qorti tara li xorta wahda ma ghandiex tezercita d-diskrezzjoni moghtija lilha biex twaqqaf is-smigh ta` din il-kawza jew li tillibera l-konvenuta mill-gudizzju. Din il-kawza nbdiet wara li gie moghti digriet li laqa` mandat ta` inibizzjoni u li fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-ligi, kellu jigi segwit b`kawza sabiex jibqa` hekk validu. Din il-kawza flimkien mal-kawza l-ohra u l-procedura tal-mandat ta`

inibizzjoni saru minn *minority shareholder* ta` CSHL u dana bil-ghan car li jipproteggi b`mod effettiv l-interessi tieghu – protezzjoni li din il-Qorti setghet tforni lil tali *minority shareholder.*

Din il-Qorti tqis ukoll li t-tielet talba fil-procedura odjerna ma ticcentrax fil-procedura maghmula quddiem l-Isle of Man.

Per konsegwenza, fid-dawl ta` dan kollu, din il-Qorti mhijiex sejra tezercita d-diskrezzjoni moghtija lilha mill-artikolu 742(2) tal-Kap 12 u sejra tichad din it-tieni eccezzjoni kemm fir-rigward tal-proceduri mizmuma f`Kansas, l-Istati Uniti u kif ukoll fir-rigward tal-proceduri mizmuma f`Isle of Man.

**b) <u>It-Tielet Eccezzjoni</u>**

Is-socjeta` GCM eccepiet fit-tielet eccezzjoni taghha li f`kaz li t-tieni eccezzjoni tigi michuda, din il-Qorti ghandha xorta wahda tissospendi s-smiegh ta` din il-kawza pendenti l-ezitu tal-proceduri gudizzjarji fl-Istat ta` Kansas fl-Istati Uniti tal-Amerika u kif ukoll f`Isle of Man stante li d-decizjonijiet f`dawk il-proceduri jolqtu bis-shih id-decizjoni ta` din il-kawza.

Ghal darb`ohra, din l-eccezzjoni tinvoka d-diskrezzjoni li ghandha din il-Qorti sabiex tiddeciedi in vista tal-proceduri pendenti f`Kansas l-Istati Uniti ta` l-Amerka u fl-Isle of Man li tissospendi s-smigh ta` din il-kawza sakemm jigu decizi dawn il-proceduri pendenti.

Fid-dawl ta` din l-eccezzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-principji applikabbli f`kaz fejn kienu saru zewg kawzi separati quddiem zewg Qrati kompetenti fil-gzejjer Maltin stess. L-artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta jistipola illi:

> *Meta titressaq kawza quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawza ohra fuq l-istess oggett quddiem qorti kompetenti ohra, il-kawza mressqa l-ahhar* ***tista`*** *tigi mibghuta lil dik il-qorti l-ohra.* (sottolinjar mizjud)

L-artikolu 793 tal-Kap 12 jaqra li:

> *(1) Meta bejn zewg kawzi jew izjed imressqin quddiem qorti wahda jkun hemm konnessjoni ta` suggett, jew, meta d- decizjoni ta`*

*wahda tista` tolqot d-decizjoni tal-ohra jew tal-ohrajn, il-qorti* ***tista`*** *tordna li d-diversi kawzi jigu mismughin flimkien.*
*(2) Il-kawzi mismughin flimkien fil-qorti tal-ewwel grad, jistghu jigu hekk ukoll mismughin fil-qorti fi grad ta` appell, minghajr ma jkun jinhtieg ordni iehor tal-qorti.*
*(3) Izda, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta` appell, ghandha tinghata f`kull kawza sentenza separata, u kull sentenza ghandu jkun fiha l-motivi taghha, jew riferenza ghall-motivi tas-sentenza ta` wahda mill-kawzi l-ohra li jkunu gew mismughin flimkien. (sottolinjar mizjud)*

Fid-dawl ta` dawn id-disposizzjonijiet, il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tibghat kawza quddiem il-Qorti li quddiemha giet ipprezentata precedentement kawza fuq l-istess oggett kif ukoll ghandha d-diskrezzjoni li tordna li kawzi jinstemghu flimkien. Madanakollu, tali disposizzjonijiet japplikaw fir-rigward ta` kawzi li gew ipprezentati quddiem Qrati kompetenti fil-gzejjer Maltin. Jidher car li b`analogija, din il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tiddeciedi li in vista tas-similarita` fit-talbiet maghmula fil-proceduri esteri, gialadarba tali proceduri gew ipprezentati precedentement ghal din il-kawza odjerna, hija tibghat l-istess kawza *sine die* riappuntabbli wara li jsiru *res judicata* d-decizjonijiet moghtija mill-Qrati tal-Kansas u/jew ta` l-Isle of Man.

Fl-isfond ta` dawn id-disposizzjonijiet appena citati, fil-provvediment li tat fit-3 ta` April 2014 fil-kawza "**Sylvana Tanti vs Noel Tanti et**" din il-Qorti qalet hekk :-

*"Illi l-Qrati taghna ammettew is-soprasessjoni ta` kawza jew ta` procediment meta soprasessjoni tkun spedjenti. (Kollez Vol XXXIX.I.467 ; Appell Civili – "**Cassar vs Xuereb**" – 12 ta` Marzu 1973). L-ispedjenza ma tistax tkun mera possibilita` … Illi fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 1981 fil-kawza* ***"Degaetano vs Galea et noe"****, il-Qorti tal-Appell qalet hekk : "Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista` jiddependi mill-ezitu ta` kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta` din id-dipendenza" … Illi din il-Qorti tabbraccja l-principju li s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (Kollez Vol XLI.I.507 ; u Qorti Kostituzzjonali – "**Cuschieri vs Onor Prim` Ministru"** – 12 ta` Awissu 1994). Illi provvediment dwar soprasessjoni huwa mholli ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti."*

F`sentenza ohra moghtija fil-11 ta` Dicembru 2003, din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fl-ismijiet "**Peter Arrigo Ltd vs Avv. Dr Christopher Cilia nomine et"** intqal:

*Normalment fis-sistema procedurali Malti, l-eccezzjoni li titlob it-twaqqif ta` smigh tal-kawza sakemm tinqata` ohra li tkun marbuta maghha hija msejsa fuq dak li jipprovdi l-artikolu 793 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, liema artikolu jitkellem dwar smigh fl-istess waqt taz-zewg kawzi li jkun hemm dik ir-rabta bejniethom, fis-sens li l-kawza mressqa t-tieni fuq suggett marbut ma` kawza mressqa qabilha tinstama` flimkien ma` dik imressqa l-ewwel, taht il-principju tal-ius preventionis;*

*Illi s-soprasessjoni tista` b`mod eccezzjonali tinghata meta tali smigh fl-istess waqt taz-zewg kawzi ma jkunx jista` jsir, izda, billi hija eccezzjoni ghar-regola generali li kull kawza ghandha tinstama` sakemm tigi maqtugha (Art. 195(1) tal-Kap 12), trid tinghata dejjem taht kundizzjonijiet li ghandhom ikunu serji bizzejjed biex dan isir (App.Civ.: 28.10.1935 fil-kawza fl-ismijiet **Sir Ugo Mifsud noe vs Guido Abela et.**(Kollez. Vol:XXIX.i.1295). Kemm hu hekk, inghad sahansitra f`sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali (P.A. Kost.: 12.8.1994 fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et** (Kollez. Vol: LXXVIII.i.171), li l-eccezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti ghandha tieqaf milli tkompli tisma` kawza bhala tali, fis-sistema procedurali taghna, m`hijiex kontemplata ghaliex l-eccezzjoni li l-Kodici tal-Procedura Civili jikkontempla hija l-eccezzjoni maghrufa bhala lis alibi pendens u din l-eccezzjoni tipprospetta necessarjament li jkun hemm zewg kawzi ghaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;*

*Illi huwa minhabba f`hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bhala provvediment ordinatorju mholli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bhal dik Ara, per ezempju, App. _iv. 23.6.1869 fil-kawza fl-ismijiet **German et vs Scicluna et** (Kollez. Vol: V.157); P.A. 23.1.1946 fil-kawza fl-ismijiet **Bugeja vs Zammit** (Kollez. Vol: XXXII.ii.197) u App. Kumm.: 26.3.1984 fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttigieg et noe** (mhix pubblikata). Provvediment bhal dan huwa meqjus bhala wiehed interlokutorju ( App. Civ. 22.5.1989 fil-kawza fl-ismijiet **Mallia et vs Bezzina et** (Kollez. Vol:LXXIII.ii.338) u, ghalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatu jekk tqum il-htiega li tibdel il-fehma taghha aktar `il quddiem, jekk tintwera raguni tajba biex taghmel dan;*

*Illi ghalhekk ukoll, il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bhala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigh ta` kawza, meta n-*

*norma hija, kif inghad, li kawza li tinbeda ghandha tinstama` sa ma tinqata` (App. Civ. 4.11.1957 fil-kawza fl-ismijiet* ***Cardona vs Pisani*** *(Kollez. Vol: XLI.i.547). Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bhala wiehed "alejatorju" (P.A. 23.5.1997 fil-kawza fl-ismijiet* ***Camilleri noe vs Vassallo Gatt pro et noe****(Kollez. Vol: LXXXI.iii.83) li, minhabba t-termini ebsin tal-Kodici Procedurali dwar is-smigh taghhom (Ara art. 965(c) u (d) tal-Kap 12), jista` jwassal ghad-dezerzjoni tal-proceduri mwaqqfa.*

*Ghal bosta snin, il-Qrati taghna sabu li t-twaqqif ta` smigh ta` kawza biex tistenna l-ezitu ta` kawza ohra li diga` tressqet jew sakemm titressaq wahda fuq punt eccezzjonali huwa rakkomandat biss fil-kaz meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta` xi punt li minnu ta` bilfors tiddependi l-kawza li sejra titwaqqaf P.A. 12.4.1962 fil-kawza fl-ismijiet* ***Azzopardi et vs Critien pro et*** *(Kollez. Vol: XLVI.ii.591) u App. Civ. 6.10.1999 fil-kawza fl-ismijiet* ***Grima et vs Frendo et*** *(Kollez. Vol: LXXXIII.ii.393);*

*Illi hawnhekk irid jinghad li l-Qorti tifhem li hemm differenza kbira bejn li wiehed jghid li Qorti m`ghandhiex il-gurisdizzjoni li tisma` kawza u li wiehed jghid li ghandha tieqaf milli tisma` l-kawza sakemm isiru l-proceduri quddiem tribunal iehor li jista` jkollu gurisdizzjoni wkoll. Dan jinghad ghaliex hija l-ligi nnifisha li tghid li, f`kaz bhal dan, il-gurisdizzjoni tal-Qorti Maltija tibqa` tghodd. Kif inghad qabel, biex il-Qorti taqtaghha li twaqqaf is-smigh tal-kawza li tkun tressqet quddiemha, jridu jikkonkorru bosta konsiderazzjonijiet….Fuq il-principju li wkoll kieku l-Qorti Maltija kellha gurisdizzjoni residwa, u skond il-principji li fuqhom tishaq il-kumpannija mharrka, lanqas ma jidher li huwa l-kaz li din il-Qorti tissoprassjedi sakemm il-kumpannija attrici tressaq proceduri fil-Qorti Germaniza, u dan ghaliex il-kumpannija attrici sehhilha taghti ragunijiet tajbin ghaliex tezisti gurisdizzjoni originali dwar il-qofol tal-kwestjoni li tifforma l-mertu ewlieni tal-kawza, li l-forum conveniens huwa din il-Qorti. B`zieda ma` dan il-Qorti hija soddisfatta li l-ebda pregudizzju jew vessatorjeta` ma qeghda tinholoq lill-kumpannija mharrka bil-fatt li l-kawza tinstama` minn dawn il-Qrati."*

Din il-Qorti hija tal-fehma li din il-kawza ghandha tkompli tinstema` quddiemha minkejja l-proceduri pendenti quddiem il-Qrati esteri. Hija mhijiex tal-fehma li din il-kawza ghandha tistenna l-ezitu tal-proceduri istitwiti precedentement u dana peress li (i) kif gia` nghadd f`kaz tal-procedura f`Kansas, hemm diversi differenzi fil-mertu u kif ukoll hemm partijiet li huma partijiet f`din il-kawza odjerna izda mhux fil-proceduri mizmuma f`Kansas u (ii) kif gia` nghadd f`kaz tal-procedura f`Isle of Man,

jezistu talbiet li mhumiex mertu ta` dik il-kawza u jistghu biss jigu maghmula u decizi minn Qrati Maltin peress li jirrigwardaw ir-Registratur tal-Kumpaniji f`Malta.

Per konsegwenza, din il-Qorti mhijiex ser tezercita d-diskrezzjoni taghha u sejra timxi fuq il-principju legali applikabbli li kawza ghandha tinstema` sakemm tigi maqtugha.

Ghalhekk, hija qed tichad ukoll din it-tielet eccezzjoni.

**c) <u>Ir-raba` u l-hames eccezzjonijiet</u>**

Fir-raba` eccezzjoni u fil-hames eccezzjoni, is-socjeta` intimata GCM qajjmet in-nuqqas ta` interess guridiku li tigi promossa kawza fil-konfront taghha mis-socjetajiet Digital u ICML.

Riferibbilment ghall-eccezzjoni preliminari tal-allegata karenza ta` interess guridiku li qeghda tkun deciza llum, il-gurisprudenza hija estensiva.

Fis-sentenza li tat fit-23 ta` April 2013 fil-kawza **<u>"Amedeo Barletta noe et v. L-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta"</u>** din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk :-

> *"Illi l-Qorti tqis li meta wiehed ihares lejn is-siwi ta` eccezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l- interess guridiku tal-parti attrici li ssostni l-kawza, wiehed irid izomm ma` dak li jipprovdi l-artikolu 780 talKapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u mal-principji li sa minn zmien twil ilu ssawru biex ifissru x`inhu mehtieg biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, irid ikun iwassal ghal rizultat ta` utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd (Ara App. Civ. 13.2.1953 fil-kawza fl-ismijiet* ***<u>Manche` vs Montebello</u>*** *(Kollez. Vol: XXXVII.i.56), b`mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex ipproduci tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi (P.A. 7.1.1953 fil-kawza fl-ismijiet* ***<u>Camilleri vs Sammut</u>*** *(Kollez. Vol: XXXVII.ii.605). Kien minhabba dan il-principju li ghadd ta` sentenzi cahdu l-jedd talazzjoni lil min ried jikseb`sentenza biss dikjarazzjoni minghajr oggett materjali (Ara App. Civ. 8.6.1942 fil-kawza fl-ismijiet* ***<u>Cortis vs Bonello</u>*** *(Kollez. Vol: XXXI.i.218) ;*

*Illi, minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss filbidu taghha, ghaliex jekk dan linteress jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa` fil-kawza (App. Civ. 17.2.1993 fil-kawza fl-ismijiet **Sammut et noe vs Attard** (Kollez. Vol: LXXVII.ii.246).*

*Hu stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur ghandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawza (Ara App. Civ. 3.12.1984 fil-kawza fl-ismijiet **Borg vs Caruana** (Kollez. Vol: LXVIII.ii.232) u l-ghadd ta` sentenzi hemm imsemmija, u ghalkemm il-mottiv tal-interess mhuxmehtieg li jkun imsemmi fir-Rikors Mahluf, ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kuntrastat (Ara App. Civ. 12.12.1983 fil-kawza fl-ismijiet **Ignazio Gatt vs Michael Debono et**).Illi l-interess mhux tabilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid, u jista` jezisti wkoll fejn jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew suggettiv (P.A. 13.10.1952 fil-kawza fl-ismijiet **Axiaq vs Mizzi noe et** (Kollez. Vol: XXXVI.ii.532), imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku (App. Civ. 15.12.1932 fil-kawza fl-ismijiet **Scolaro vs Bailey** (Kollez. Vol: XXVII.ii.195);"*

Hekk ukoll fis-sentenza li tat fis-17 ta` Mejju 2011 fil-kawza "**MrBookmaker.com Ltd. v. Stichting De Nationale Sporttotalisator, entita` estera"** din il-Qorti (PA/FS) qalet :-

*"Din il-Qorti kif presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet **Maria Tabone et vs Joseph Schembri**, deciza fit-30 ta` Jannar, 2007 qalet:*

*"Dwar il-kuncett ta` l-interess guridiku, jibda biex jinghad, li;Fil-kawza fl-ismijiet **Giulia Maria Millard vs George Said et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] inghad li biex wiehed jista` jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.*

*Fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et nomine** deciza mill-Onorabbli Qorti ta` l- Appell Superjuri fit-28 ta` Frar, 1997 [LXXXI-11-429] gie ritenut li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-nessguridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament kommess mill-konvenut u ddannijew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.*

*L-interess irid ikun guridiku, cioe` bbazat fuq xi dritt pretiz lez ta` latturi. (Mattirolo Vol. I pag.50 ; Mortara VoII p.588). Il- Mattirolo f`dan ir-rigward jispjega li :-*
*"L`azione compete soltanto e tutela dei diritti ; l`interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d`altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` `injuria datum`, se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto."*

*Il-ligi qeghda hemm biex tipprotegi dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu. Huwa ghalhekk, li jinghad li l-interess huwa l-mizura ta` lazzjoni.L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali cjoe jrid johrog minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt. (Ara **Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe** deciza mill-Qorti ta` L-Appell fid-29 ta` Jannar 1997).*

*Illi minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta` lattwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Hekk gie ritenut fil-kawza **Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard** Appell Civili datat 17 ta` Frar 1993.*

*Illi gie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid, u jista` jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku. (Ara **Axiaq vs Mizzi noe et** Prim Awla Qorti Civili deciza fit-13 ta` Ottubru 1952, **Scolaro vs Bailey**, Appell Civili deciz fil-15 ta` Dicembru 1932, **Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin,** Prim`Awla Qorti Civili deciz fit- 28 ta` Marzu 2003).*

*Dan il-principju gie ribadit fil-kawza **Falzon Sant Manduca vs Weale**, deciza mill-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun guridiku, jigifieri jkollu l-elementi mehtiega biex isawru l-interess ta` l-attur, izda dan l-interess m`hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku. Il-Qrati taghna, sahansitra taw decizjonijiet fis-sens li persuna ghandha nteress li tigi msejha fil-kawza anke fejn la tista` tirbah il-kawza u lanqas tista` tigi kkundannata, imma biss ghaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita` tal-*

*gudizzju. (Ara* ***Lawrence Farrugia vs Joseph Fava*** *deciza mill-Qorti ta` l-Appell fit-18 ta` Mejju 1995).*

*Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista` jghid li l-interess guridiku :*
*- irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta` jedd u jibqa` jezisti fil-kors kollu tal-kawza]*
*- irid ikun dirett*
*- irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta` l-attur, u mhux biss interess]*
*- irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]*
*- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta` vantagg u utilita`*
*- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur*
*- il-kawza li jipproponi tkun tista` tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.*
*- Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir*
*- Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista` jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv."*

*Illi fis-sentenza* ***Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et*** *(App. Civ. (Imh JSP) – 6 ta` Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell sostniet :-*
*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta` interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa `l`utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell`asserita` esistenza o violazione del diritto".*

*Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista` tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista` jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta` lawtorita`gudizzjarja."*

Fil-kawza **Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal- Pulizija filkwalita` tieghu bhala Ufficjal Principali ta` l- Immigrazzjoni** (P.A. (JRM) 18 ta` Jannar 2001 – Cit. Numru 1790/00/JRM), il-Qorti qalet hekk :-
*"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess ta` l-attur f`kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali*

*u li dak l-interess ikun attwali. B`ta` l-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar izzerriegha ta` l-ezistenza ta` jedd u l-htiega li tilqa` ghal kull attentat ta` ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m`hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valurekonomiku [ara per ezempju, Qorti ta` l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **<u>"Falzon Sant Manduca vs Weale"</u>**, maqtugha fid-9 ta` Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>J. Muscat et vs R. Buttigieg et</u>** (App. Civ. 27 ta` Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481) intqal:

*"L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri ddomanda jrid ikun fiha ipotesi ta` l-ezistenza ta` dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew filkonsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f`kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta` dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

Fil-kawza deciza mill-Prim`Awla fit-2 ta` Mejju, 2002 fl-ismijiet **<u>George Laferla et vs Joseph Lauri et</u>** inghad li:

*"Huwa risaput li l-interess ta` l-attur f`kawza jrid jibqa` jissussisti matul il-hajja ta` l-azzjoni, ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista` tissokta (ara **<u>"Calleja vs Micallef"</u>** deciza mill-Qorti ta` l-Appell fl-1 ta`April, 1992, u "**<u>Sammut vs Attard</u>**" deciza wkoll mill-istess Qorti ta` l-Appell fis-17 ta` Frar, 1993).*

*Il-Qorti tosserva wkoll li l-interess guridiku, irid jissussisti matul ilhajja ta` l-azzjoni. Meta dan l-interess tal-kumpanija attrici naqas, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. (**<u>Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard</u>**; App. Civ., 17.2.1993, Vol. LXXVII).*

*Illi f`sentenza ohra tas-17 ta` Frar 1993, l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fl-ismijiet **<u>Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard</u>** qalet li :*
*"l-interess guridiku huwa risaput, irid jissussisti matul il-hajja ta` lazzjoni".*

Ta` l-istess portata kienet is-sentenza li tat din il-Qorti (PA/RCP) fis- 26 ta` April, 2012 fil-kawza **<u>"Nicholas de Giorgio v. Vincent Paul Savona et"</u>** fejn inghad hekk :-

*"Illi dwar in-nuqqas ta` interess guridiku tal-attur fil-mument li lprezenta l-kawza huwa rilevanti li jinghad li "biex wiehed jipproponi domanda f`gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn li jkollu interess fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utli jew vantaggjuz" ("**__Beatrice Manche noe –vs- Maria Montebello"__** A.C. - 13 ta` Frar 1953), "b`mod li jekk l-azzjoni ma twassalx biex tipproduci tali rizultat ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi" (**__"Giuseppe Camilleri et –vsGiuseppe Sammut et"__**P.A. - 7 ta` Jannar 1953) u jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista` jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta (**__"Michelangelo Bond –vs- Carmelo Mangion et"__** A.C. 27 ta` Mejju 1991; u **__"Albert Calleja–vs-Orazio Micallef"__** A.C. - 1 ta` April 1992).*

*Fuq il-kuncett tar-rizultat vantagguz jew utli, ossija ta` l-utilita` guridika issir riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **__"Veronica Farrugia et –vsMary Buhagiar"__** (A.C. - 2 ta` April 1993) u **__"Joseph Attard et –vsPaul Baldacchino"__** (A.C. - 5 ta` Ottubru 2001)."*

a. **__Interess Guridiku tas-socjeta` Digital Technology LLC biex tippromwovi l-kawza__**

Fid-dikjarazzjoni tal-fatti, is-socjeta` eccipjenti sostniet li (i) Digital ma tirrizultax fir-Registru tal-Kumpaniji ta` Malta bhala azzjonista tas-socjeta` konvenuta CSHL u (ii) fit-tieni lok, ma hijiex parti/firmatarja fuq is-*Shareholders Agreement* imsemmi li abbazi tieghu is-socjetajiet attrici qeghdin jallegaw li l-*Istock Transfer Agreement* imsemmi huwa null u bla effett.

Din il-Qorti ma tarax li din l-eccezzjoni timmerita li tigi akkolta.

Huwa minnu li ai termini tal-artikolu 123 tal-kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta:

*(1 ) Kull kumpannija ghandha zzomm registru tal-membri taghha u tnizzel fih il-partikolaritajiet li gejjin:*
*(a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-membri u dikjarazzjoni tal-azzjonijiet li jkollu kull membru li turi kull azzjoni bin-numru taghha, meta l-azzjoni jkollha numru, u tal-ammont imhallas jew miftiehem li jigi meqjus bhala mhallas fuq l-azzjonijiet ta` kull membru;*
*(b) id-data li fiha kull persuna tkun tnizzlet fir-registru bhala membru; u*

*(c) id-data li fiha xi persuna ma tkunx baqghet membru:*

Andrew Muscat fil-pag 816 et seq tal-ktieb tieghu **"Principles of Maltese Company Law"** (2007 – MUP) ighid hekk dwar is-suggett tad-*Disposal and Aquisition of Shares :-*

*"... A person can only be recognised as a shareholder, at least for the purposes of the Companies Act, if his name is entered into the register of members. This rule results from article 2(1) of the act which inter alia defines a "shareholder" as "a person entered into the register of members of a company ..." Moreover articles of association often provide that the transferor of a share is to be deemed to remain a holder until the name of the transferee is entered in the register of members in respect thereof. Unfortunately many companies do not in practice keep a register of members or, if they do, fail to update it ..."*

Li inghad minn Andrew Muscat (op. cit.) jinkludi footnote li taqra hekk :-

*"The terms "shareholder" and "member" are interchangeable. In English Law, although the terms are often used interchangeably, there is in fact a distinction. Thus a company limited by guarantee has members but it does not have shareholders. And the holder of bearer shares does not become a member, since entry in the register of members is necessary for this purpose (vide section 122 ta the UK Companies Act 1985 which has been restated by section 112 of the UK Companies Acts 2006). In Maltese law, however, the holder of a share warrant is a "shareholder" and a "member" unless otherwise specifically provided means a shareholder [vide article 2(1) Companies Act]".*

Ghall-fini ta` kompletezza ta` analizi, trid issir riferenza ukoll ghall-Art 112 tal-*UK Companies Act 2006* li jaghti tifsira ta` "*member*". Id-disposizzjoni taqra hekk –

*(1) The subscribers of a company`s memorandum are deemed to have agreed to become members of the company, and on its registration become members and must be entered as such in its register of members.*

*(2) Every other person who agrees to become a member of a company, and whose name is entered in its register of members, is a member of the company."*

Ghalkemm skond id-Dokument A misjub a fol 8 tal-process, ma jirrizultax illi Digital hija *shareholder* fil-kumpanija CSHL; mill-provi

akkwiziti rrizulta li s-Socjeta` ICML qed tagixxi bhala *nominee company* ghas-socjeta Digital liema socjeta` hija registrata skond il-ligijiet ta` St Kitts and Nevis. Dan jirrizulta mid-dokumenti ezebiti bhala Appendix 01 tal-process (fol 472) u Appendix 02 (fol 473). Din l-informazzjoni irrizultat ukoll mix-xhieda moghtija minn Catherine Baxter fl-affidavit taghha. Minn tali dokumenti jirrizulta illi s-sid beneficjarju ta` dawn l-azzjonijiet hija proprju s-socjeta` Digital.

Tali cirkostanzi jinkwadraw fl-artikolu 127(3) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta li jghid li:

*"Meta trustee izomm azzjonijiet f`kumpannija f`isem u ghall-beneficcju ta` beneficjarji -*
*(a) il-memorandum u l-istatut tal-assocjazzjoni, jekk ikun il-kaz, ghandhom jitqiesu li saru b`mod validu ghall-finijiet tal-artikoli 68 u 75 jekk ikunu ffirmati biss mit- trustee meta l-azzjonijiet kollha fil-kumpannija jkunu sottoskritti mit-trustee;*
*(b) il-memorandum tal-assocjazzjoni, ir-registru tal-membri, ic-certifikati tal-azzjonijiet, il-prospetti dwar l-ghoti ta` azzjonijiet u kull prospett annwali tal-kumpannija jista` jispecifika n-numru ta` azzjonijiet mizmuma mit-trustee akkont tieghu stess, jekk il-kaz, u l-ammont ta` azzjonijiet mizmuma taht trust jew taht kull trust jekk izjed minn wiehed, u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 123(1)( a), (b) u (c) ghandhom jiftiehmu f`dan is-sens;*
*(c) rizoluzzjoni bil-miktub skont l-artikolu 210 ghandha titqies li tkun valida u effettiva jekk tkun iffirmata biss mit-trustee meta l-azzjonijiet kollha fil-kumpannija jkunu sottoskritti mit-trustee."*

Ghalhekk ghalkemm huwa minnu li huwa n-*nominee* jew *trustee* li jkun imnizzel fir-registru tal-membri, xorta wahda s-sid beneficjarju ghandu poteri u awtorita` fuq l-azzjonijiet mizmuma f`ismu tant li huwa jista` jiddisponi minnhom u huwa soggett ghal hlas ta` taxxa f`kaz ta` bdil fis-sid beneficjarju:

*127 (4) (a) Meta sid beneficjarju ta` azzjonijiet ta` kumpannija li jkunu mizmuma minn trustee, jittrasferixxi jew xort`ohra jiddisponi mit-titolu tieghu bhala sid beneficjarju ta` dawn l-azzjonijiet inter vivos lil terzi, dik l-operazzjoni titqies li tikkostitwixxi trasferiment ta` azzjonijiet ghall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti u ghall-finijiet tal-artikolu5(1) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income.*

*(b) Meta t-tibdil fid-detentur registrat ta` azzjonijiet f`kumpannija ma jkunx igib mieghu tibdil fis-sid beneficjarju taghhom, dak it-tibdil ma ghandux jitqies li jikkostitwixxi trasferiment ta` azzjonijiet ghall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq*

*Dokumenti u Trasferimenti u ghall-finijiet tal-artikolu 5(1) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, izda b`danakollu ghandu jitnizzel fir-registru tal-membri.*

*(c) Ghall-finijiet tal-artikolu 49 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-persuna li taghmel it-trasferiment u l-persuna li lilha jsir it-trasferiment fi trasferiment ta` azzjonijiet inter vivos ghandhom jitqiesu li jinkludu trustee li jagixxi f`isem jew il-persuna li taghmel it-trasferiment jew il-persuna li lilha jsir it-trasferiment tat-titolu ta` sid beneficjarju ta` dawk l-azzjonijiet, jew kemm tal-persuna li taghmel it-trasferiment kif ukoll tal-persuna li lilha jsir it-trasferiment.*

Imbaghad l-artikolu 127(5) tal-kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta jkompli jiddefinixxi lis-sid beneficjarju bhala :

*"F`dan l-artikolu -"sid beneficjarju" tfisser il-persuna li beneficjarjament jkollha dritt ghall-azzjonijiet taht trust jew ftehim ghal fiducjarju;*
*"trustee" tfisser persuna li tista` tagixxi bhala trustee skont l-Att dwar it-Trusts u t-Trustees, u tinkludi kull fiducjarju li jzomm ishma f`isem persuna ohra."*

Din il-Qorti tara li Digital hija s-sid beneficjarja hekk kif definita fil-ligi appena riferita. Jidher ukoll minn qari ta` dikjarazzjoni ta` *nominee status* ezebiti a fol 472 u 473 tal-process illi: ICML setghet biss tagixxi fir-rigward ta` dawn l-ishma f`CSHL in linea ma` l-istruzzjonijiet moghtija minn Digital. Issib miftiehem illi:

*"The NOMINEE ACKNOWLEDGES AND DECLARES THAT, ……it holds the Sharholding in the Company, registered in its name as nominee of and the trustee for the owner and UNDERTAKES AND AGREES not to transfer, deal with or dispose of the Shareholding or any part of it save as the Owner may from time to time direct ……..And the Nominee further UNDERTAKES AND AGREES to account to the Owner for all dividends and profits which may be paid to it from time to time upon the Shareholding and for all other monies or profit which may be payable to it in respect thereof and FURTHER AGREES AND UNDERTAKES to exercise its voting power as holder of the Shareholding in such manner and for such purposes as the Owner may from time to time direct or determine."*

Tenut kont li gie ppruvat li Digital ghandha interess fl-azzjonijiet mizmuma f`CSHL stante li hija s-sid beneficjarja ta` l-ishma mizmuma

f`CSHL minn ICML, din il-Qorti hija altru minn sodisfatta li Digital ghandha interess attwali, dirett u legittimu li tippromwovi din il-kawza. L-istess rapprezentant ta` GCM Holdings Limited, Murphy ammetta li l-interess li ghandha Digital f`CSHL huma dawn is-6,000 *shares.*

Din il-Qorti ma tarax li jregi l-argument tas-socjeta` eccipjenti illi Digital ma ghandhiex interess guridiku f`din il-kawza gialadarba hija ma hijiex parti/firmatarja fuq is-*Shareholders Agreement* ezebit bhala Dok B a fol 10 li abbazi tieghu is-socjetajiet attrici qeghdin jallegaw li l-*Istock Transfer Agreement* imsemmi huwa null u bla effett. Dana peress li bhala sid beneficjarja Digital ghandha kull interess li tattaka l-validita` ta` dan l-*istock transfer agreement* fid-dawl ta` l-allegazzjoni li ma gietx segwita l-procedura apozita dwar kif jitpoggew ghal bejgh u jigu trasferiti ishma f`CSHL.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tichad ir-raba` eccezzjoni tas-socjeta` GCM Holdings Limited.

b. **<u>Interess Guridiku tas-socjeta` Integrated Capabilities (Malta) Ltd biex tippromwovi din il-kawza</u>**

Fid-dikjarazzjoni tal-fatti, is-socjeta` eccipjenti allegat li ICML ma jistax jkollha xi forma ta` interess guridiku f`din il-kawza peress li bhala fatt jirrizulta li hija stess itterminat is-servizzi fiducjarji li kienet tippresta ta` diretturi, segretarji tal-kumpannija, ufficju registrat u *nominee shareholder* kemm lis-socjeta` GCM u kif ukoll lis-socjeta` konvenuta CSHL.

Din l-eccezzjoni lanqas ma timmerita li tigi akkolta.

Minn qari ta` l-elenku ta` *shareholders,* diretturi u segretarji tal-kumpanija CSHL misjuba fis-sit elettroniku tar-Registratur tal-Kumpanniji, jirrizulta illi is-socjeta` rikorrenti ICML hija azzjonista tas-socjeta` CSHL b`6,000 sehem (Vide Dok A fol 8).

Huwa rrelevanti jekk ICML itterminatx is-servizzi fiducjarji li kienet tippresta ta` diretturi, segretarji tal-kumpannija, ufficju registrat u *nominee shareholder* kemm lis-socjeta` GCM u kif ukoll lis-socjeta` konvenuta CSHL. Din il-Qorti lanqas biss ma hija ser tidhol f`ezami dwar jekk tali allegazzjoni maghmula mis-socjeta` eccipjenti hija wahda veritiera u ppruvata. Dak li

jinteressa lil din il-Qorti ai fini ta` interess guridiku huwa biss illi ICML hija mnizzla u registrata bhala azzjonista tas-socjeta` CSHL b`6,000 sehem.

Ghalhekk, bhala tali hija ghandha kull interess li taghmel azzjoni ta` din l-ispecie f`isimha sabiex tipproteggi l-interessi li qed izzomm ghan-nom ta` Digital bl-ahjar mod possibbli.

Is-socjeta` eccipjenti ma ressqet l-ebda prova min-naha taghha illi Digital itterminat ir-relazzjoni li kellha ma` ICML fir-rigward tas-6,000 ishma f`CSHL. Ghalhekk, irrispettivament x` ghamlet jew ma ghamlitx ICML fir-rigward tas-socjetajiet CSHL u GCM, dak li jinteressa din il-Qorti huwa li attwalment, ICML ghadha tagixxi bhala *nominee company* ghas-socjeta` rikorrenti Digital b`tali mod li qed izomm 6,000 sehem minn total ta` 20,000 sehem fil-kapital azzjonarju tal-kumpanija CSHL.

Tenut kont ta` dan kollu, l-interess guridiku li ghandha l-istess ICML f`din il-kawza huwa wiehed car stante li bhala azzjonarja hija ghandha d-dritt li taghmel talbiet bhalma ghamlet f`din il-kawza odjerna.

Ghaldaqstant, anke l-hames eccezzjoni tas-socjeta` GCM Holdings Limited qeghda tigi michuda.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet fuq esposti, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi tichad it-tieni, it-tielet, ir-raba` u l-hames eccezzjonijiet tas-socjeta` GCM Holdings Limited, spejjez ghall-istess socjeta` GCM Holdings Limited.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**